# Kotba fil-but

## għall-klassi

Gwida għall-għalliema



**Norman C. Borg**

**kotbafilbut.net**

# Kotba fil-But

# għall-klassi

## Kif tuża s-sit Kotba fil-But fil-klassijiet medji tas-Sekondarja




**Norman C. Borg**

normancborg.net/kfb

Ħajr lil:
David Muscat, Helen Barbara

Miġjub bil-għajnuna tal-
Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

L-ewwel edizzjoni 2024/2025

Produzzjoni: Pubblikazzjonijiet Norcomm
Disinn: Norman C. Borg
Grafika: norbmedia u DALL-E 3

Drittijiet tal-awtur
© Norman C. Borg 2024
MA TESOL, B.Ed (Hons), BA, DEAM

Edizzjoni Internet

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni miżmuma mill-awtur. Dan il-ktieb ma jistax jinsilef jew jingħata b'xejn f'xi għamla oħra ħlief fil-format kif inhu ippubblikat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjata jew b'xi mod ieħor mingħajr il-kunsens tal-awtur.

Niddedika dan ix-xogħol lil dawk l-istaffs kollha li ħdimt magħhom tul il-karriera tiegħi, fl-iskejjel tal-gvern u privati, fl-uffiċini tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif ukoll f'dawk tal-fakultajiet u d-dipartimenti tal-Università ta' Malta. Minn kull fejn ħdimt u eventwalment kelli nitlaq, ħadt miegħi xi ħaġa li żewqet u wessgħet l-esperjenza ta' ħajti, kemm professjonali kif ukoll personali, u ta' dan nixxi ħajr lil kulħadd.



# Werrej


Kelmtejn qabel: X'inhuma *Kotba fil-But?*, 1

1: Daħla, 7

2: L-Elementi: test u workbook, 13

- It-test ewlieni, 14
- Il-workbook, 17

3: L-Elementi: il-proġett prattiku, 19

- L-ewwel lezzjoni: Introduzzjoni għall-proġett, 21
- It-tieni lezzjoni: Tqassim tax-xogħol, 23
  - Il-kittieb, 24
  - L-illustratur, 25
  - Il-qarrej tal-provi, 25
  - L-editur, 26
  - Il-produttur u l-pubblikatur, 26
  - In-narratur, 27
  - X'inhu r-rwol tiegħi?, 27
  - Żmien ta' tlestija, 28
  - Meta jsir ix-xogħol?, 30
  - Tifrix tal-proġett, 30
  - Varjazzjoni: *The Lion King*, 31

Għodod diġitali, 32
Użu tal-attivitajiet onlajn, 33
4: Valuri mgħallma fil-proġett, 35
L-aħħar lezzjoni: Analiżi tal-proġett, 36
Kelmtejn wara: *F'idejkom*, 37
Appendiċi A: Il-kotba fil-Librerija, 41
Appendiċi B: Mappa tas-sit, 45
Appendiċi Ċ: Dokumenti uffiċjali kkonsultati, 47
Appendiċi D: Sorsi elettroniċi, 49
Appendiċi E: Il-kwestjonarju, 51
Dwar l-awtur, 59

## *Il-Prinċipji*

Naħdem iebes u bir-reqqa..., 10
Ladarba qiegħed naħdem fi grupp..., 20
Insib dak li nħobb nagħmel..., 23
Ngħin fil-grupp lil dawk..., 23
Xogħol mhux bilfors joħroġ tajjeb..., 25
Inlesti l-parti tiegħi f'ħinha..., 28
Naħdem ma' ħaddieħor..., 30
M'iniex waħdi..., 35
Nisma' l-kummenti ta' ħaddieħor..., 36

## *Lista ta' figuri*

1. It-tliet K: Kurżità, kreattività, kooperazzjoni, 6
2. Strateġiji kif tħaddem il-proġett, 11
3. Il-qxur taż-żewġ workbooks, 12
4. It-tliet elementi tal-proġett, 14
5. Xempji tal-paġni stampati, 16
6. It-test ewlieni, 17
7. Il-workbook, 18
8. Pjan direzzjonali, 20
9. Il-proġett prattiku: Enċiklopedija/Dizzjunarju, 21
10. Il-proġett prattiku: Rwoli għall-istudenti, 23
11. L-istudenti jiddeċiedu x'inhu r-rwol tagħhom, 28
12. Tikketti bir-rwoli differenti, 28
13. Eżempju ta' pjan direzzjonali, 29

# Ħajr

Mingħajr l-għajnuna ta’ numru ta’ persuni, la l-proġett elettroniku *Kotba fil-But* u lanqas din il-*Gwida* ma kienu jaslu fejn waslu.

Għaldaqstant nixtieq nibda billi nżżi ħajr lill-qraba, ħbieb u kollegi li matul il-vjaġġ tawni l-kuraġġ inkompli x-xogħol bil-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom u ta’ kemm ġerrew il-kelma dwar il-proġett, fosthom lil **Lucienne Brincat**, **Kirsten Brincat**, **Christine Grech**, **Daniel Grech**, **Benedicta Borg**, **Joseph Borg** u **Ġorġ Mallia**.

Nixtieq nirringrazzja lill-istaff kollu tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, imma speċjalment lil **David Muscat** (CEO), **Mark Camilleri** u **Helen Barbara**, li bil-professjonalità tagħhom għenu fl-iżvilupp ta’ dan il-materjal.

Nirringrazzja wkoll lil **Anabel Micallef** u **Therese Vella**, qarrejja tal-provi professjonali li għoġobhom joffru bir-reqqa s-servizz tagħhom mingħajr ħlas.

Nirringrazzja lill-Fondazzjoni Sagħtar u speċjalment lil **Chris Giordano**, editur tar-rivista *Sagħtar*, li bl-għajnuna tiegħu ppubblikajt f’dawn l-aħħar sentejn artikli dwar uħud mir-rumanzi li jinsabu fil-Librerija ta’ *Kotba fil-But*.

Nirringrazzja wkoll lill-pubblikaturi **Chris Gruppetta** ta’ Merlin Publishers, **David Bezzina** u **MaryAnn Vella** (Horizons, Outlook Coop), **Joanne Micallef** (Faraxa Publishing) u lil **Victor Fenech** (Kotba Merill) talli tawni l-permess nirriproduċi siltiet minn pubblikazzjonijiet tagħhom.

Nirringrazzja bil-quddiem lil dawk l-għalliema kollha li se jagħmlu ħilithom biex iżewqu l-esperjenza edukattiva tal-istudenti tagħhom – kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet professjonali tagħhom – permezz tal-użu ta’ dan il-proġett.




# Kelmtejn qabel:
## X'inhuma *Kotba fil-But*?

Id-dokument li għandek f'idejk huwa gwida għall-għalliema – miktub minn għalliem. Tassew li drabi oħra kont assistent kap ta' skola u uffiċjal edukattiv. Iżda, qabel dawk, kont għalliem. U llum inqisni *għalliem* irtirat, aktar milli assistent kap irtirat, jew uffiċjal edukattiv irtirat.

Għaldaqstant qiegħed nikteb din il-gwida bħal speċi ta' taħdita bejn żewġ kollegi. Immaġina li qegħdin jien u int fil-bitħa waqt il-brejk jew fl-istaff room. Qed ngħidlek x'għamilt b'suċċess fil-klassi tiegħi u se nurik kif tista' tippruvaha inti wkoll mal-klassi tiegħek. Għalhekk m'intix se tara ħafna kliem tekniku jew formali. Forsi meta jfettilli nirreferi għal xi element tas-sillabu jew tal-kurrikulu (konxju li tbiddlu ħafna minn meta kont fil-klassi jien, u nammetti li m'għadnix daqstant midħla tal-aktar verżjonijiet riċenti); imma dawn ir-referenzi se jkunu ftit u mxerrdin.

L-idea ta' *kotba fil-but* nibtet mill-kunċett tal-pocket book stampat, b'daqs żgħir biżżejjed biex jidħol fil-but ta' ġlekk jew ġins, kif ukoll mill-kunċett aktar modern tal-ismartphone, li jista' jħaddan fih librerija sħiħa ta' kotba elettroniċi li tista' żżommhom ukoll fil-but.

Għalkemm hemm dulluvju ta' informazzjoni fuq l-Internet, ftit li xejn insibu materjal bil-Malti, u ħafna inqas materjal li jipprovdi lil studenti tal-Malti b'dak it-tagħrif li jgħinhom iwessgħu l-vokabolarju Malti, kif ukoll lok għall-qari. Is-sit ***Kotba fil-But*** jipprova jimla dan il-vojt b'mod differenti minn siti oħrajn. Bħalma fl-Ingliż insibu taqsiriet u adattamenti għat-tfal ta' kotba klassiċi, bl-użu ta' lingwa simplifikata għall-faċilità tal-qari, hekk ukoll *Kotba fil-But* jipprovdi qari bil-Malti għal udjenza żagħżugħa.

Għaldaqstant is-sit jipprovdi adattamenti ta' dawn ir-rumanzi klassiċi bil-għan li jintroduċi dawn ix-xogħlijiet internazzjonali bl-ilsien Malti u fl-istess ħin ikattar il-preżenza tal-ilsien Malti fuq l-Internet.

Għalkemm hemm xi illustrazzjonijiet u anki xi komiks mifruxin mas-sit, l-enfasi huwa t-test biex jipprovdi qari fit-tul u jħarreġ lill-qarrejja żgħar jidraw jaqraw testi twal. Flimkien mat-test ewlieni tal-ktieb is-sit jipprovdi wkoll tagħrif dwar l-awtur meta dan ikun magħruf. L-informazzjoni, madankollu, ma tispiċċax hawn. Lil hinn mis-sit, wieħed jista' jsib tagħrif dwar l-isfond tal-istorja f'artikli maħruġin fir-rivista ***Sagħtar*** (Appendiċi A).



F'sezzjoni oħra tas-sit wieħed jista' jsib ġabra ta' logħob interattiv marbut ma' wħud mir-rumanzi biex iħarreġ lill-qarrejja fit-taħriġ il-fehim, il-vokabolarju u l-ortografija fost aspetti oħra tal-lingwa. Din is-sezzjoni għadha fil-fażi sperimentali u biħsiebha tikber.

Hemm żewġ sezzjonijiet li qegħdin f'fażi sperimentali: l-awdjokotba u l-flipbooks. L-awdjokotba jiffukaw fuq in-narrazzjoni u s-smigħ, u jagħtu ċans lill-qarrej li jisma' n-narrazzjoni waqt li jkun qiegħed jaqra. Il-flipbooks huma sempliċement kopja tar-rumanz kif jidher fil-paġna elettronika, imma bid-dehra ta' 'ktieb' fejn wieħed jista' jaqra billi 'jaqleb' il-paġni. L-illustrazzjonijiet fil-flipbook jistgħu jkunu differenti u aktar imżewqin minn dawk li wieħed jista' jsib fil-paġna elettronika.

Sezzjoni oħra li għadha qed tiżviluppa hija dik tad-Daqqa t'Għajn. Hawn wieħed jista' jsib siltiet ta' kotba ġodda bil-Malti li jinsabu għall-bejgħ jew għas-self mil-Librerija Pubblika. Filwaqt li l-materjal ewlieni tas-sit huwa offrut b'xejn u sħiħ, f'din is-sezzjoni hemm biss siltiet biex il-qarrejja 'jduqu' l-istorja u jitħajru jkomplu jaqrawha billi jixtru l-ktieb jew jissellfuh mil-librerija pubblika jew dik tal-iskola. B'dan il-mod is-sit ma jippromwovix biss ix-xogħol ta' kittieba internazzjonali klassiċi, iżda anki dak ta' kittieba lokali moderni. Għal dan hemm formola fuq is-sit għal kittieba u pubblikaturi li jkunu jixtiequ jippromwovu xogħolhom billi jtellgħu xempju f'din is-sezzjoni.

Is-sit għandu wkoll sistema ta' tiftix biex wieħed ikun jista' jsib malajr rumanz jew kittieb partikolari. Hija tiftixa bażika ħafna, iżda għandha tkun ħafifa u effiċjenti biżżejjed biex wieħed ikun jista' jsib malajr il-materjal li jixtieq.



Qarrej tas-sit għandu wkoll l-opportunità li jissuġġerixxi materjal li jista' jittella' fuq is-sit. Permezz tas-sezzjoni ***X'Tixtieq taqra?***, l-utent jista' jsemmi liema xogħol jixtieq jidher. Talba bħal din, naturalment, għandha l-limiti tagħha. Jista' jkun li l-utent jitlob xogħol li jkun imħares mil-liġi tad-drittijiet tal-awtur. F'dan il-każ issir riċerka dwar kemm hu possibbli

li jittella' sħiħ jew, għall-inqas, silta minnu. Il-ktieb huwa wieħed riċenti? Min għandu d-drittijiet tal-awtur? Jekk ix-xogħol huwa ħieles minn kull drittijiet tal-awtur, jista' jittella' fil-Librerija prinċipali. Jekk le jintalab permess mill-proprjetarju tad-drittijiet biex tidher silta tax-xogħol fis-sezzjoni Daqqa t'Għajn, u hemm tingħata l-informazzjoni meħtieġa biex wieħed ikun jista' jsib ix-xogħol sħiħ għall-bejgħ jew fil-librerija pubblika.

L-adattamenti fuq is-sit ġeneralment joħorġu wieħed fil-bidu ta' kull xahar. L-utenti jistgħu jabbonaw biex ikunu jafu meta jkun ħiereġ il-ktieb li jmiss. Is-sistema hija sempliċi u kulma għandu jagħmel l-utent huwa li jipprovdi l-indirizz elettroniku personali tiegħu biex jirċievi l-avviż. Xejn aktar mhu mitlub mill-utent, biex ma tinkisirx il-politika tal-privatezza. Malli joħroġ ktieb ġdid l-utent jirċievi messaġġ permezz ta' ittra elettronika.

X'hemm għall-ġejjieni? Fil-parti l-kbira tal-kotba wieħed jista' jsib lista ta' noti f'qiegħ il-ktieb li ġeneralment jispjegaw jew jagħtu tifsira ċara ta' xi kliem tekniku jew antik. Biħsiebni niġbor dan il-kliem kollu mit-testi u nippreżentah f'sezzjoni separata għaliha bl-isem ta' Glossarju.

## *Rabta mal-Kurrikulu uffiċjali*

Mhix l-intenzjoni ta' din il-Gwida, u saħansitra tal-proġett innifsu, li jkopru direttament l-għanijiet u l-ħiliet kollha kif maħruġin fil-Kurrikulu uffiċjali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Madankollu jkun xieraq li wieħed jara kif il-proġett jista' jintuża biex isaħħaħ dawn l-għanijiet. Fit-test se nagħmel referenza għal ħiliet partikolari kif jidhru fid-dokumenti li tistgħu ssibu onlajn (***malti.skola.edu.mt***).

**KE:** Kisbiet ewlenin (Snin 7, 8)
**KT:** Kisbiet tat-tagħlim (Sena 9)

**K:** Kitba (Snin 7, 8, 9)
**L:** Letteratura (Sena 9)
**M:** Metalingwa (Sena 9)
**Q:** Qari (Snin 7, 8, 9)
**S:** Smigħ (Snin 7, 8, 9)
**T:** Taħdit (Snin 7, 8, 9)

Hawn taħt jidhru xi eżempji tat-taqsiriet użati fid-dokument (ara wkoll Appendiċi B).

**KE/7/Q/3**: Fid-dokument *Il-Kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet tal-Malti* ***Livell 7*** *- is-Seba' sena –* ***K****ompetenzi* ***E****wlenin (CCP)*, il-ħiliet tal-**Q**ari, punt nru. **3**.

**KT/9/Q/6.1b**: Fid-dokument *Linji Gwida għat-Tagħlim tal-Malti fid-****Disa' Sena***, **K**isbiet tat-**T**agħlim, **Q**ari (Test Moqri), punt nru. **6.1b**.

Waqt li nittama li din il-Gwida ssibuha utli, nistedinkom tgħaddu kummenti u suġġerimenti (kostruttivi kemm jista' jkun) billi tużaw il-formola 'Ibgħat messaġġ' fis-sezzjoni '***Kuntatt***' tas-sit jew fuq wieħed minn dawn l-indirizzi elettroniċi. Kull korrispondenza tkun imwieġba.

***kotbafilbut@gmail.com***
***normancborg@gmail.com***

*N. C. Borg*
*Lulju 2024*




**Fig. 1:**
It-tliet K:
Rawwem fl-istudenti sens ta' kurżità, kreattività u kooperazzjoni.



# 1 Daħla

Għalkemm l-iskop ewlieni tal-proġett huwa li jipprovdi materjal ta' qari bil-Malti, din il-ħila m'għandhiex tkun l-unika waħda li jistgħu joqormu l-istudenti fil-klassi, b'dan il-proġett. Bi ftit immaġinazzjoni min-naħa tal-għalliem, kull ktieb ***fil-Librerija*** jista' jservi ta' ispirazzjoni għal proġetti sħaħ li permezz tagħhom wieħed jista' jqanqal motivazzjoni fl-istudenti, waqt li jiżviluppa fihom sens ta' kurżità, kreattività u kooperazzjoni (Fig. 1).

Qiegħed nirreferi hawn għal attivitajiet ekstrakurrikulari li jagħtu l-opportunità lill-istudenti li jaħdmu fi gruppi, jikkollaboraw, jgħinu lil xulxin, u jgħallmu lil xulxin sabiex flimkien jaslu għal għan waħdieni li jmur lil hinn mix-xogħol ta' rutina fil-klassi. Matul id-dokument se tara dawn il-prinċipji soċjali u personali f'kaxxi fil-marġini tal-paġni, immarkati b'dan is-simbolu:



Nistħajjel nisma' wħud minnkom jgħidu, "Iva, il-paroli tas-soltu; bħallikieku m'aħniex diġà magħfusin biżżejjed bil-ħin biex indeffsu s-sillabu uffiċjali – xogħol barra mill-programm jonqosna!"

Huwa tassew stramb li, jitbiddlu kemm jitbiddlu l-istrateġiji tal-kurrikulu u tas-sillabi fl-edukazzjoni f'Malta minn żmien għal ieħor, dan il-fenomenu ta' materjal ippakkjat li jrid jitlesta fi żmien impossibbli baqa' mdendel fuq ras l-għalliem – u b'konsegwenza fuq ras l-istudenti wkoll. Iżda jekk nibqgħu naħsbu hekk ma jsir xejn.

F'dan id-dokument biħsiebni nissuġġerixxi xi attivitajiet marbutin ma' xi testi tal-kotba li jinsabu f'*Kotba fil-But*. L-ewwel ftit osservazzjonijiet tiegħi se jkunu kemxejn nostalġiċi, għaliex dak li se nippreżenta huwa bbażat fuq l-esperjenza diretta tiegħi bħala għalliem fi skola primarja fl-aħħar nofs tat-tmeninijiet u l-bidu tad-disgħinijiet; proġetti li għamilt b'suċċess ma' tliet klassijiet differenti tal-ħames u s-sitt sena primarja. Iva, xogħol barra mis-sillabu; u iva, fi żmien dik il-ferneżija tal-eżamijiet tal-Junior Lyceum, li kien joħnoq lill-kapijiet tal-iskejjel, lill-għalliema, lill-ġenituri u naturalment lill-istudenti.

U jekk irnexxieli nwettaq dawn il-proġetti ma' klassijiet tal-Junior Lyceum dak iż-żmien, jien ċert li dan it-tip ta' xogħol jista' jsir illum ukoll, fil-klassijiet bikrija tas-sekondarja, u fl-ambjent tal-lum il-ġurnata, fejn il-mezzi huma bil-qabda ħafna aħjar milli kienu dak iż-żmien, u minkejja l-għafsa taż-żmien tas-sillabu.

Se nibda billi nispjega l-qofol ewlieni tal-kunċett, u matulu nissuġġerixxi kif jista' jsir fil-qafas modern ta' klassi. Il-materjal li kont użajt dawk iż-żminijiet kien prinċipalment




materjal Ingliż, u l-proġetti kienu għal-lezzjonijiet tal-Ingliż. Naturalment il-materjal li jinsab f'*Kotba fil-But* huwa bil-Malti, għaldaqstant dak li se nipproponi hawn se jdur madwar attivitajiet bil-Malti. Madankollu, wieħed jista' dejjem jifrex fuq aktar minn ilsien wieħed.

L-idea fiha nnifisha ma kinitx waħda oriġinali. Fis-suq Ingliż kien u għad hemm ħafna minn dawk li jissejħu workbooks jew, aktar preċiż, companion books li jikkumplimentaw xogħlijiet letterarji għat-tfal. Għall-ewwel proġett kienet ġietni f'rasi li naqbad edizzjoni tal-*Ladybird Children's Classics* li kellha lingwaġġ adattat għal studenti Maltin tal-Ħames Sena u nfassal ġabra ta' attivitajiet, bejn mistoqsijiet grammatikali, logħob lingwistiku u taħriġ il-fehim. Ibbażajt ix-xogħol fuq ***Treasure Island***. Xejn frilli, u xejn ta' barra minn hawn.

Kien żmien meta l-Microsoft Windows kienet għadha ma teżistix. Kien żmien meta l-kelma kompjuter kienet tinstema' stramba; komuni biss qalb klikka limitata ta' żgħażagħ li

d-dinja lanqas biss kienet għadha bdiet issejħilhom nerds. Malli din it-teknoloġija meravijluża bdiet tidher fil-ħwienet, mill-ewwel intbaħt li kien hemm potenzjal edukattiv fiha – fis-sens li kieku xtrajt kompjuter, kont inkun nista' noħloq materjal biex nieħdu miegħi għall-klassi; xejn aktar ambizzjuż minn hekk għal dak iż-żmien. B'kompjuter id-dar stajt noħloq ċarts ikkuluriti sbieħ (folji ta' A4 imġannta flimkien) u folji għax-xogħol fil-klassi jew id-dar. Dawn tal-aħħar stajt nagħmilhom faċilment bil-printer li kelli; wieħed minn dawk li kienu jaħdmu bil-labar, li kienu jiffurmaw ittri u grafika permezz ta' ħafna toqob żgħar u li kienu jisturbjaw kullimkien. Imma kienu eċċellenti biex itaqqbu l-istencils tax-xema' li kelli bżonn biex nagħmel il-kopji meħtieġa għall-istudenti.

U bdejna hekk. Matul is-sena skolastika ħdimna fuq it-test bħala taħriġ fil-qari, u matul is-sena ħdimna fuq il-folji tax-xogħol li kont fassalt biex ikopru kull paġna tal-ktieb. Fl-aħħar tas-sena kulħadd kien sodisfatt.

Xi snin wara tawni l-klassi ewlenija tal-Junior Lyceum. Għall-ewwel qtajtha li nżomm lura milli nagħmel xogħol simili ekstrakurrikulari minħabba l-istress li dik l-imbierka klassi kienet minn dejjem iġġib magħha. Iżda ma domtx ma qawwejt qalbi, u qtajtha li nagħmel proġett ieħor. Din id-darba għażilt ktieb ieħor fis-sensiela *Ladybird Children's Classics*, wieħed b'vokabolarju kemxejn aktar avvanzat: ***The Wizard of Oz***. Il-proġett din id-darba kien aktar ambizzjuż, u żidt ukoll tipi ġodda ta' attivitajiet, speċjalment xogħol fi gruppi u attività speċjali għal għeluq is-sena. Dan ukoll spiċċa b'suċċess – u le, l-istudenti ma tilfu xejn u marru tajjeb ħafna fl-eżamijiet tal-Junior Lyceum ukoll. Għas-sena ta' wara, l-istess ma' klassi tal-J. L., il-proġett fassaltu fuq film ta' Walt Disney minflok ktieb: ***The Lion King***. Issa konna lħaqna nofs id-disgħinijiet.

Li nuża l-kotba bħala spunt għall-prattika fil-qari bil-qajla spiċċa għan sekondarju, għaliex f'dawn l-aħħar żewġ proġetti mmirajt biex nilħaq ħiliet oħra fit-tfal – sens ta' kooperazzjoni, sens ta' responsabbiltà, kif ukoll **sens ta' kisba personali.**

**Naħdem iebes u bir-reqqa, ħalli fl-aħħar inkun kuntent li għamilt xi ħaġa tajba.**

**Fig. 2:** Il-proġett jista' jagħti lok għal kollaborazzjoni bejn klassijiet, skejjel u kulleġġi.




Fit-taqsima li jmiss se nħares lejn iż-żewġ proġetti ta' *The Wizard of Oz* u *The Lion King*, u nissuġġerixxi possibbiltajiet kif wieħed jista' jaġġornahom għall-klassi tal-lum permezz ta' materjal li jinsab f'*Kotba fil-But*.

Ix-xogħol li kont għamilt jien kien limitat għall-klassi tiegħi, iżda llum il-ġurnata huwa ħafna aktar faċli biex proġett bħal dan ikun jista' jinfirex fuq aktar minn klassi waħda.

Għaldaqstant tista' tagħżel li toħloq il-proġett ma' kollegi oħra, li jistgħu jkunu mill-istess skola fejn qiegħed tgħallem, minn skejjel oħra fl-istess kulleġġ jew saħansitra bejn kulleġġi differenti jekk toħloq proġett għal eTwinning lokali (Fig. 2).




**Fig. 3:**
Il-qxur taż-żewġ workbooks li kont fassalt fl-1987 u l-1993. Għal tal-1987 kont għadni qed nuża d-dot matrix printer. Il-printers sibthom tajbin biex itaqqbu x-xema' tal-istencils.



2

# L-Elementi: test u workbook

norb media

Il-proġetti kif kont fassalt fl-1987 u fl-1993 kienu jikkonsistu fi tliet elementi (Fig. 3).

Naturalment hemm it-test li fuqu huwa bbażat il-proġett; it-test li jintuża bħala bażi u jkun il-materjal għall-prattika tal-qari u introduzzjoni għall-vokabolarju. Mingħajr dan, il-proġett ma jkunx jista' jsir, għaldaqstant irridu nqisuh obbligatorju.

Il-workbook huwa ġabra ta' taħriġ biex jikkumplimenta t-test. Dan għandu bżonn jitfassal mill-għalliem. Il-workbook li kont fassalt għal *Treasure Island* kien ta' xi għoxrin folja. Dak li kont għamilt għal *The Wizard of Oz* kien ħadli erbgħin. Kelli l-għażla li jew inlesti l-workbook sħiħ, nidduplikah u ngħaddih lill-klassi fil-bidu tas-sena skolastika, jew inqassam il-folji separati matul is-sena waqt li nkunu qed nimxu tul il-qari. Fil-fatt ma nħossx li l-workbook huwa obbligatorju, u jekk taħseb li hija biċċa kbira biex tfasslu, tista' ma tagħmlu xejn jew forsi tagħmel numru aktar ridott ta' attivitajiet.




**Fig. 4:**
Il-proġett jikkonsisti fi tliet elementi ewlenin.

It-tielet element huwa l-proġett prattiku. Dan huwa ras il-għajn tal-proġett, il-qofol ta' kollox. Nitkellem aktar fit-tul dwar dan fit-tielet taqsima. Għall-proġett ***Kotba fil-But*** nipproponi l-istess struttura kif spjegata f'Fig.4.

### *It-test ewlieni*

L-idea tiegħi li nużaw ktieb 'letterarju' bħala textbook kienet ġdida għall-iskejjel primarji. Naturalment, kien hemm il-kotba tal-*Ladybird Keywords Reading Scheme*, iżda jien xtaqt li jkun hemm ukoll test uniku, twil, li wieħed seta' jimxi miegħu tul is-sena kollha, jibni fuqu, u jżomm ċerta rabta permezz ta' tema waħda prinċipali. Nixxi ħajr lill-kapijiet tal-iskola li f'dan il-każ kienu wrew fiduċja fija u tawni permess inwettaq l-esperiment. B'xorti tajba fiż-żewġ każijiet stajna nużaw il-finanzi tal-iskola biex nixtru ħamsa u tletin kopja tal-*Ladybird Classics* biex inqassmuhom lit-tfal (in-numru massimu ta' studenti fil-klassijiet dak iż-żmien kien ta' tletin, u ħsibna għal numru żejjed).

Wieħed mill-iskopijiet tas-sit *Kotba fil-But* huwa li jipprovdi materjal Malti għall-qari mingħajr ħlas, għaldaqstant għall-proġett tagħna din mhix problema.

Għalkemm qiegħed nirreferi hawn għal żewġ titli partikolari li kont użajt jien personalment, fuq is-sit hemm kotba oħra li wieħed jista' jagħżel barra minn *Il-Gżira tat-Teżor* u *Is-Saħħar ta' Oż*. Il-kotba għandhom tul differenti wkoll, għalhekk hemm għażla wiesgħa (Appendiċi A). Barra minn hekk il-lista qiegħda tiżdied, hekk li kull xahar joħroġ titlu ġdid.

Qabel ma tagħżel test għall-proġett, barra mit-tul osserva wkoll ix-xejra tal-istorja, l-ambjent, l-għamla ta' vokabolarju użat u elementi oħra li jistgħu jkunu interessanti għall-istudenti.

Vantaġġ ieħor tas-sit huwa l-fatt li naturalment huwa ta' xejra elettronika. Wieħed mill-għanijiet meta fassalt is-sit kien li nħalli t-test tal-kotba f'xejra 'likwida'. Il-format tat-test mhuwiex marbut mad-daqs jew il-forma tal-iscreen fejn wieħed qed jaqrah. Għaldaqstant it-test jista' jinqara minn fuq kompjuter jew minn fuq smartphone, u jista' jinqara d-dar kif ukoll fil-klassi, jew anki fil-bitħa tal-iskola.

Għas-sessjoni tal-qari fil-klassi jista' jintuża l-apparat elettroniku, madankollu tista' anki tagħżel li żżomm kopji stampati tat-test jekk tixtieq, speċjalment għall-konvenjenza tax-xogħol waqt li l-istudenti jkunu qed jaħdmu fuq il-proġett.

Dan jista' jsir permezz tal-faċilità tal-Internet browser (Edge, Chrome, Firefox, Brave, Safari, eċċ). F'dan il-każ tista' toħloq verżjoni PDF tad-dokument. La tkun fiż-żifna, stampa wkoll il-paġna tal-awtur tal-ktieb (Fig. 5/6). L-istruzzjonijiet kif toħloq PDF tat-test issibhom fil-paġna tas-sit ***Jeddijiet u ħajr***.



3/3/24, 9:19 PM

Epubs - Kotba fil-But - Norman C. Borg

Sors: wikipedia.org

L. Frank Baum (1856 – 1919)

Lyman Frank Baum kien kittieb Amerikan magħruf l-aktar għall-kotba tat-tfal, speċjalment is-sensiela tas-
Saħħar ta' Oż. B'kollox kiteb 14-il ktieb dwar Oż, 41 rumanz ieħor, 83 storja qosra u aktar minn 200 poeżija.
Ħadem kemm felaħ biex ix-xogħol tiegħu jidher fit-teatru, u l-film Is-Saħħar ta' Oż tal-1939 huwa l-aktar
verżjoni magħrufa tal-ktieb.

Baum twieled u trabba fi New York. Beda bħala produttur tat-teatru u kittieb ta' drammi, imma m'għamilx
ħafna suċċess, għalhekk hu u martu ddeċidew li jbiddlu l-post. Fetħu ħanut fl-istat ta' South Dakota, u
hemmhekk sab xogħol bħala editur u pubblikatur ta' gazzetta. Aktar tard marru joqogħdu f'Chicago, u
hemmhekk beda jaħdem bħala ġurnalist u beda jikteb stejjer għat-tfal. L-ewwel ktieb tas-Saħħar ta' Oż ħare
fl-1900. Hekk kif baqa' jikteb kotba għat-tfal fl-aħħar snin ta' ħajtu beda proġett biex joħloq studjo tal-films
f'Los Angeles, fl-istat ta' California, biex jipproduċi films għat-tfal.

Ħaġa tal-għaġeb kif fl-istejjer tiegħu kien kapaċi jipprevedi affarijiet li llum fil-fatt jeżistu, fosthom it-
television, l-augmented reality, il-computers (Iċ-Ċavetta Ewlenija – The Master Key) u l-mobile phones (Tik-Tok
ta' Oż).

Meta ħareġ Is-Saħħar ta' Oż fl-1900 għamel suċċess ... ' l-aktar ktieb mibjugħ għal sentejn wara
xulxin, tant li Baum tħajjar jikteb aktar stejjer d... tri u żied 13-il ktieb ieħor wara l-ewwel
wieħed. Meta f'Is-Saħħar ta' Oż Baum iddes... s, kien qiegħed jibbaża fuq l-esperjenza
tiegħu meta kien jgħix f'South Dakota ... b'ħafna nixfa u ftit li xejn xita.

F'Mejju tal-1919 Baum kellu ... fl-età ta' 62. L-aħħar ktieb tas-sensie...
tas-Saħħar ta' Oż, Glind... Tant kienet magħrufa s-sensiela dw...
Oż li aktar kotba ... ly Thompson, li ħarġet wieħed u
għoxrin ktieb ...

... Letteratura għat-Tfal |
... siċi | Storja

1/2

3/3/24, 9:18 PM

Is-Saħħar ta' Oż - Kotba fil-But - © Norman C. Borg

IS-SAĦĦAR TA' OŻ

Kitba oriġinali ta'
L. Frank Baum (Amerikan, 1856-1919)
Madwar 8,900 kelma
Adattament: Norman C. Borg
© Norman C. Borg

1 It-tromba, is-saħħara u r-raġel tat-tiben | 2 Ir-raġel tal-landa u l-iljun | 3 Belt l-Iżmeraldi | 4 Is-Saħħara l-Ħażina | 5 Barmil ilma | 6 Raġel tassew qarrieqi | 7 Il-Ballun tal-arja | 8 Lura l-Kansas

***** ***** ***** ***** *****

1 It-tromba, is-saħħara u r-raġel tat-tiben

Dorothy kienet tgħix f'razzett f'nofs id-deżert il-kbir tal-Kansas, fl-Amerka, maz-Ziju Neriku u z-Zija Emma. Għaldaqstant, kull meta kienet toħroġ mid-dar żgħira tagħhom, ma kienet tara xejn madwarha ħlief art ċatta, ma tispiċċa qatt, tikwi taħt dik ix-xemx tisreġ. Din l-art ċatta kienet tibqa' sejra sax-xefaq, fejn kienet tmiss mas-sema kaħlani. U bejn is-sema u l-art ma kienx hemm siġra waħda, ma kenitx tidher dar waħda.

Dorothy kellha ħabib wieħed biss; kelb żgħir, gustuż, li kienet semmietu Toto, u li kienet tħobb daqs il-mimmi t'għajnejha. Is-soltu, Dorothy u Toto kienu jqattgħu żmienhom jilagħbu flimkien, iżda ġurnata waħda, il-logħob tagħhom kellu jieqaf ħesrem. Iz-Ziju Neriku kien bilqiegħda quddiem il-bieb tar-razzett, iħares imħasseb lejn is-sema kollha sewda. Mit-tramuntana seta' jisma' t-tvenvin bla waqfien tar-riħ, u l-ħaxix ta' madwarhom jittajjar u jitmejjel hekk kif maltempata bdiet toqrob. F'daqqa waħda, min-naħa tan-nofsinhar, instemgħet tisfira qawwija. Iz-Ziju Neriku qam bil-ġirja.

"Riesqa tromba 'l hawn, Emma!" beda jgħajjat. "Se mmur nieħu ħsieb l-annimali." B'dan il-kliem telaq jiġri lejn l-imħażen u l-istalel.

"Isa, Dorothy!" Iz-Zija Emma bdiet twerżaq mid-dar. "Ejja fil-kantina, ddumx!" Iz-zija Emma fetħet il-bieba mal-art li kienet tagħti għall-kantina li kellhom taħt id-dar. Bla telf ta' żmien, bdiet nieżla s-sellum. Dorothy kienet se tħaffef warajha, iżda ma laħqitx. Dwiet twerżiqa qawwija tar-riħ, u d-dar kollha bdiet titriegħed. Bl-iskossi, Dorothy waqgħet minn tulha fl-art. Id-dar daret darba tnejn, u bil-qajla bdiet tiela' fl-ajru. Ir-riħ li kien ġej mit-tramuntana u r-riħ li kien ġej minn nofsinhar kienu ltaqgħu sewwasew fuq id-dar. Bdew iduru madwar xulxin u lid-dar għollewha 'l fuq sakemm laħqet il-quċċata tat-tromba

1/19

https://normancborg.net/kfb/d/oz.html

**Fig. 5:**
Xempji ta' paġni stampati minn fuq is-sit. Id-dehra ġenerali tista' tkun differenti skont il-browser li tipprintja minn fuqu.

**Fig. 6:** Għalkemm l-istudenti jistgħu jaqraw it-test minn fuq is-sit, tista' toħloq PDF minn ġol-browser. (Ara wkoll Fig. 5.).




Innota li tista' toħloq PDF mill-verżjoni tal-kompjuter biss tas-sit. Il-browsers fl-ismartphones mhux dejjem jipprovdu din il-faċilità.

### *Il-workbook*

Din hija l-parti li tirrikjedi l-aktar xogħol mill-għalliem. Kif għedt qabel, hija f'idejn l-għalliem jippjanax workbook għal mal-proġett. Madankollu nħoss li tintilef opportunità kbira jekk dan ma jsirx. Fi żmieni, kont għamilt kollox waħdi, imma dejjem tista' tinvolvi għalliema oħrajn biex tfassal biċċa xogħol li tkunu kburin biha. Aktar 'il quddiem se niddiskuti wkoll kif il-proġett jista' jinfirex fuq aktar minn klassi waħda, aktar minn skola waħda f'kulleġġ jew anki f'kulleġġi oħra madwar il-gżejjer, u tifsil tal-workbook jista' jkun wieħed mill-elementi xierqa għal dan.

Fig. 7 jagħti ħjiel tat-tip ta' taħriġ u attivitajiet oħra li wieħed jista' jinkludi fil-workbook. Naturalment, dejjem żomm mat-tema prinċipali tal-ktieb. Isħaq fuq il-ħiliet kollha lingwistiċi kemm jista' jkun, u tinsiex iddaħħal attivitajiet li jinvolvu kemm xogħol individwali kif ukoll dak fi gruppi, u formati differenti (eż. tislibiet, tiftixiet, anagrammi, word clouds, eċċ) li jmorru lil hinn mill-format pedantiku ta' taħriġ tradizzjonali.




**Fig. 7:**
Barra mit-tipi ta' attivitajiet differenti li tara hawn, tista' taħseb f'oħrajn li jkunu adattati għal-lingwaġġ tat-test jew l-isfond tal-ġrajja.

Fis-sezzjoni tal-attivitajiet tas-sit ***Ħaddem rasek!*** tista' tieħu spunt tat-tip ta' taħriġ li tista' tfassal. Madankollu tista' żżid materjal ieħor u tinkludi speċi ta' glossarju, lista ta' idjomi li jidhru fil-ktieb, eċċ. Jekk biħsiebek tfassal il-workbook ma' tim ta' għalliema oħra, m'għandux ikun diffiċli ħafna biex jitqassam ix-xogħol u jkollok workbook imlaħħam sew.



Fit-tielet taqsima se nħares lejn dak li nsejjaħlu l-'ġojjell' tal-inizjattiva kollha: il-proġett prattiku.



# 3

# L-Elementi: Il-proġett prattiku

Din hija t-taqsima fejn l-istudenti se jkollhom l-aktar x'jagħmlu, fejn se jkunu involuti sal-ponta ta' mneħirhom.

Mill-bidu nett l-intenzjoni li nagħmel il-proġett kienet li noffri lill-istudenti xi ħaġa aktar minn sempliċi materjal għall-qari, bl-opportunità li aktar milli 'udjenza' passiva, ikunu kreattivi billi joħolqu xi ħaġa lil hinn mit-test innifsu.

Wieħed jista' faċilment jaħseb li jaqleb l-istorja fi dramm, u joħloq reċta msejsa fuq il-ġrajja li jaqraw dwarha. Din hija idea eċċellenti li, b'xorti ħażina, ma kinitx tapplika ħafna għalija għaliex qatt ma kont miġbud ħafna lejn il-palk – imma nħeġġeġ hawn lil dawk l-għalliema li huma aħjar minni f'dan il-qasam biex jikkunsidraw jaqbdu din it-triq.

Fil-każ tiegħi, minflok, għal ***Is-Saħħar ta' Oż***, ħsibt li nħajjar lit-tfal jagħmlu enċiklopedija jew dizzjunarju tal-ktieb. Dan kellu jilħaq numru ta' għanijiet:




**Fig. 8:**
Ibda l-proġett prattiku fil-bidu tat-tieni trimestru.

1. Jgħin lill-istudenti jirrevedu l-qari biex jidħlu f'aktar dettall fl-elementi tiegħu;
2. Permezz tal-kunċett ta' 'enċiklopedija' jikkunsidraw l-elementi *kollha* tal-istorja, kemm jekk ta' importanza kbira, kemm jekk żgħira **KE/8/Qari/6**;
3. L-istudenti *kollha* jkollhom l-opportunità jipparteċipaw, imqar b'sehem ċkejken, b'modi differenti u f'dik il-ħila li jħossuhom l-aktar kunfidenti;
4. Jiżviluppaw il-ħiliet ta' xogħol kemm għal rashom kif ukoll fi gruppi, skont il-ħtieġa tal-proġett;
5. **Jerfgħu ċerta responsabbiltà f'xogħolhom waqt li jiżviluppaw il-ħila ta' kooperazzjoni.**

Ladarba qiegħed naħdem fi grupp, sħabi qed jistennew minni xogħol tajjeb.

Qabel ma nidħlu fil-fond dwar x'jinvolvi x-xogħol innifsu, ta' min iħares lejn il-pjan direzzjonali tal-proġett sħiħ. Bħalma rajna għall-workbook, hemm bżonn isir xogħol minn ħafna żmien qabel biex l-inizjattiva tirnexxi sew. Fil-każijiet tiegħi, kont bdejt nippjana l-materjal u l-kalendarju mill-bidu tas-sena, bil-għan li ċerti elementi jibqgħu għaddejjin is-sena kollha, waqt li oħrajn nintroduċihom matul is-sena skolastika skont il-bżonn. Fig. 8 juri kif kont fassalt il-pjan matul is-sena u kif nipproponih għal *Kotba fil-But*.




norb media

**Fig. 9:** Temi li tista' tinkludi fil-proġett. Barra minn dawn jistgħu joħorġu temi oħra skont it-test tal-proġett.

Tajjeb li t-test jibda jinqara fil-klassi mill-bidu nett tas-sena, għal bosta raġunijiet. L-ewwel nett huwa faċilment aċċessibbli: qiegħed lest fuq is-sit u l-istudenti diġà għandhom l-apparat meħtieġ biex ikunu jistgħu jaqrawh kemm fil-klassi kif ukoll id-dar **KE/8/Q/3** **KE/8/T/8**. Idealment tajjeb li ma tħallix ix-xogħol għall-proġett prattiku jinġabar kollu fl-aħħar ftit xhur tas-sena skolastika, għaldaqstant dan għandu jibda fil-bidu tat-tieni trimestru. Għalhekk tajjeb li sa dakinhar l-istudenti jkunu qraw it-test kollu jew kważi. Ix-xogħol fil-workbook jista' jibda mal-qari u jimxi id f'id miegħu, għalkemm mhux neċessarjament; madankollu l-attivitajiet tal-workbook jistgħu fil-fatt jitqassmu wkoll tul is-sena kollha.

## *L-Ewwel lezzjoni: Introduzzjoni għall-proġett*

Fl-ewwel lezzjoni, fil-bidu tat-tieni trimestru, se tispjega lill-istudenti fiex se jikkonsisti l-proġett. Tidħolx f'ħafna dettall għalissa: qabbad lill-istudenti stess jispjegaw x'inhi enċiklopedija, x'inhu l-iskop tagħha, x'tinkludi fiha, kif inhu organizzat il-kontenut. Tista' tuża eżempji stampati mil-librerija tal-iskola kif ukoll diġitali bħall-***Wikipedia*** **KE/8/T/7**.

Fi gruppi qabbadhom jagħmlu ftit brainstorming dwar x'inhuma l-affarijiet li wieħed jista' jdaħħal f'enċiklopedija tal-ktieb li qed taqraw. Hemm suġġetti varji, u barra minn dawk li huma ovvji, bħall-karattri, jista' jkun hemm elementi oħra li lanqas jgħaddu minn rashom. Mill-brainstorming, tista' toħroġ speċi ta' tabella bħal dik ta' Fig. 9.

Ladarba tkunu koprejtu sew it-test tal-istorja u l-istudenti jifhmu sew il-kunċett ta' x'jistgħu jdaħħlu f'enċiklopedija, se jkun faċli ħafna għalihom li joħorġu b'ideat huma **KT/9/L/11**. Naturalment, inti tista' żżid tiegħek ma' tagħhom, u forsi timla wkoll xi vojt b'ideat li ma jgħaddux minn rashom. Tiddejjaqx jekk jiġu b'xi affarijiet li jidhru strambi, jew li ma jkunux għaddew minn rasek. Ftakar li din hija sessjoni ta' brainstorming, u dejjem għandek l-opportunità tħeġġeġ lil studenti jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar xi suġġeriment mhux mistenni. Tagħmel x'tagħmel, qatt tiċħad idea mill-ewwel.

Malli tara li għandek biżżejjed materjal x'taħdem fuqu, nippreparaw lill-istudenti għal parti importanti tal-proġett; parti li għandha tqanqal interess kbir fl-istudenti. Kulħadd fil-klassi se jaqbad tema, jew element wieħed minn tema, u matul il-proġett se jiffoka fuqha. L-istess, se tagħti l-għażla lill-istudenti stess biex jagħmlu dan, u hawnhekk nintroduċu l-idea tar-rwoli.

Nerġgħu nħarsu lejn mudell ta' enċiklopedija, iżda minflok inħarsu lejn il-materjal, issa niffukaw fuq in-nies li jiġbruh. Se tkun persuna waħda li tikteb dak kollu li hemm f'enċiklopedija, jew se jkun hemm bżonn aktar nies? Nerġgħu nagħmlu ftit brainstorming, u nippruvaw nimmaġinaw kemm tipi ta' nies – u ħiliet – differenti hemm bżonn biex noħolqu biċċa xogħol bħal din.

Hawnhekk jista' jkun li jkollhom bżonn ftit aktar għajnuna mingħandek biex joħorġu bl-ideat. Ara li bejn wieħed u ieħor joħorġu bi rwoli bħal dawk f'Fig. 10, u ssuġġerilhom int fejn ma jaslux.

**Fig. 10:** Rwoli għall-istudenti. Dawn mhux kollha jistgħu jkunu ovvji għalihom.




Insib dak li nħobb nagħmel l-aħjar, u naħdem biex inkabbar dik il-ħila.

Ladarba nidentifikaw liema rwoli jinvolvi dan ix-xogħol, ieqaf hawn. Titlobx lill-istudenti jagħmlu għażla għalissa. **Agħtihom ċans jaħsbu sew xi jkunu jixtiequ jagħmlu** u jagħtuk it-tweġiba tagħhom fil-lezzjoni li jmiss.

### *It-Tieni lezzjoni: Tqassim tax-xogħol*

Bħala l-koordinatur tal-proġett, żomm f'rasek li kull aspett tiegħu huwa volontarju. Toħnoqx ix-xewqat tal-istudenti. Malli tiltaqgħu għat-tieni lezzjoni se tittama li l-parti l-kbira tal-istudenti se jkunu ddeċidew x'jagħmlu. Bla dubju ta' xejn se jkollok min se jibqa' lura u jkollu bżonn spinta biex jersaq 'il quddiem, u se jkollok dawk l-oħrajn li jkunu ultraentużjasti u jkunu jridu jbillu subgħajhom f'kollox. Hawnhekk inti tista' sservi bħala konsulent; madankollu ftakar li *l-istudenti stess* **jistgħu jgħinu lil xulxin biex jagħżlu**. Pereżempju, jekk studenta għadha tinsab bejn ħaltejn x'tagħmel, poġġiha ma' studenti oħrajn li jistgħu jgħinuha liema rwol tagħżel. Iżen sew il-possibilità li xi ħadd jista' jagħżel aktar minn rwol wieħed, imma dejjem ftakar li r-riedni f'idejk, u ddeċiedi minn qabel fejn għandek taqta' linja.

Ngħin fil-grupp lil dawk li għandhom xi diffikultà.

Dan huwa wkoll l-aqwa mument għal brainstorming ieħor, din id-darba biex tiġbor lista sħiħa ta' dawk l-elementi kollha li se ninkludu fl-enċiklopedija. Din tista' sservi għal ħafna għanijiet, fosthom li jkun hemm lista minn fejn l-istudenti jkunu jistgħu jagħżlu fuqiex se jiffukaw xogħolhom.

Ħalli nħarsu lejn xi ideat dwar x'jinvolvi kull rwol. Huwa importanti li l-istudenti jifhmu dawn sew biex ikunu jistgħu jagħmlu l-għażla tagħhom.

### *Il-kittieb*



Dan huwa r-rwol l-aktar ovvju. Dawk li se jagħżlu jkunu l-kittieba fil-proġett għandhom jagħżlu tema, oġġett jew karattru u jiktbu paragrafu qasir dwaru jew dwarha. Tistenniex xi esej twil, hawnhekk. L-importanti li l-kittieb idaħħal l-informazzjoni l-aktar importanti dwar dik it-tema jew suġġett. Mill-bidu nett agħmel limitu ta' kemm wieħed jista' jikteb. Dan jiddependi mill-età tal-klassi kif ukoll mill-materjal disponibbli fit-test. Avża lill-istudenti li m'intix qed tistenna taqsira ta' parti mill-istorja tat-test. Xogħolhom fil-proġett mhuwiex li jirrepetu dak li qraw, imma li joħorġu minnu dak li *huma* jaħsbu dwar il-karattru, il-post, it-tema, eċċ. **KE/7/S/1-2-8** **KE/8/Q/6** **KE/8/K/4**. L-istudenta li se tikteb l-artiklu dwar Dorothy f'*Is-Saħħar ta' Oż*, ngħidu aħna, se tikteb dwar jekk Dorothy hix tifla għaqlija, kurjuża, qalbha tajba, eċċ; il-personalità li toħroġ minn għemilha fil-ġrajja. Jekk il-proġett se tfasslu fuq *Dawra mad-Dinja fi Tmenin Jum*, l-istudent li se jikteb dwar l-iljunfant bħala mezz ta' trasport se jagħmel riċerka żgħira biex isib kemm dak l-annimal huwa importanti fl-Indja **KE/8/Q/5** **KT/9/T/1** **KT/9/M/10.1b-10.2b**. Hawnhekk ikun ta' vantaġġ kbir jekk l-istudenti huma diġà midħla ta' kif taħdem webquest.



## *L-illustratur*

Nafu sew li kull persuna għandha l-ħiliet differenti tagħha, il-mod ta' kif titgħallem, il-mod ta' kif tesprimi ruħha. Bħala proġett ekstrakurrikulari, hawnhekk m'għandekx toqgħod tisħaq fuq l-idea li l-istudenti kollha bilfors għandhom jiktbu xi ħaġa. Din hija opportunità biex toħroġ it-talenti artistiċi l-oħra tagħhom. Żgur mhux forsi, se ssib lil xi ħadd fil-klassi li jkun irid ipenġi lil Long John Silver, jew il-pappagall tiegħu, jew saħansitra l-*Hispaniola*. Minn hawn jibda jidher ix-xogħol ta' kollaborazzjoni, fejn tista' tlaqqa' lill-kittieb mal-illustratur ta' karattru fil-ktieb, biex jiddiskutu flimkien kif jiddeskrivu l-karattru bil-kitba u bit-tpenġija. Parti mix-xogħol tal-illustratur se jkun ukoll li jagħmel ir-riċerka meħtieġa qabel ma jibda t-tpenġija. Huwa xogħol l-illustratur ukoll li jagħmel kepxin xierqa għat-tpenġija KE/7/K/5 wara li jkun iddiskutieha mal-kittieb KT/9/K/8.1ċ.

Xogħol mhux bilfors joħroġ tajjeb l-ewwel darba.

## *L-idea ta' abbozzi*

Daħħal fl-istudenti l-kunċett li malli toħloq xi ħaġa l-ewwel darba – tista' tkun kitba jew tpenġija – ma jfissirx li dik għandha tkun bilfors il-verżjoni finali. Diskussjoni fil-gruppi KE/7/T/9 KE/8/K/7 tista' tgħin biex dak ix-xogħol nistgħu nirfinawh aktar. **Għaldaqstant jitgħallmu jirrevedu x-xogħol tagħhom**, imqar billi jsegwu suġġerimenti mingħand sħabhom KE/7/S/4 KE/7/T/4-8. Fejn tidħol il-kitba, mod perfett kif jista' jsir dan huwa permezz tal-qari tal-provi.



## *Il-qarrej tal-provi*

Mela hawnhekk tidħol it-tielet persuna fit-tim. L-istudenti se jitgħallmu li ħafna drabi huwa tajjeb li tqabbad lil xi ħadd ieħor jiċċekkja xogħlok. F'dan il-każ tajjeb li tieħu deċiżjoni inti bħala għalliem, billi taħtar bħala qarrejja tal-provi dawk l-istudenti li jidhirlek li huma l-aħjar fl-ortografija; madankollu tagħmilhiex ovvja. Xorta waħda ħalli lil min ikun jixtieq jagħmel dan ix-xogħol b'mod volontarju. Ħeġġeġ l-użu tad-dizzjunarji, stampati u diġitali, kull fejn ikun hemm xi dubji. Tħallihomx jiġu għandek qabel ma jkunu għamlu t-tiftixa tagħhom l-ewwel KE/8/Q/7 KT/9/Q/4.

Ma jagħmilx sens li jkollok qarrej tal-provi differenti għal kull artiklu. Hawnhekk tkun idea tajba li toħloq tim ta' bejn erba' u ħames studenti, li jaħdmu flimkien, jiġbru l-artikli mingħand il-kittieba kollha u jaqsmu x-xogħol.

S'issa, kull rwol li ddiskutejna (kittieb, illustratur, qarrej tal-provi) se jinvolvi b'mod jew ieħor lil kull student fil-klassi. Jista' jkun ukoll li xi student ikollu aktar minn rwol wieħed. Ir-rwoli li jmiss niddiskutu hawn taħt mhux bilfors se jinvolvu lil kull student, u se jittieħdu fit-tielet trimestru (Fig. 12) wara li l-materjal (kitba u tpenġija) ikun inġabar kollu u ffinalizzat bil-qari tal-provi. Għaldaqstant, sa dan iż-żmien l-istudenti kollha jkunu wettqu r-rwoli ewlenin tagħhom, u għat-tielet trimestru wħud minnhom se jaqbdu rwol ġdid.

### *L-editur*



L-istess, jista' jkun hemm aktar minn editur wieħed, jew tim ta' assistenti edituri, b'kull wieħed u waħda minnhom fuq midja waħda (kitba jew tpenġija). L-editur jiġbor il-materjal kollu; jara li l-elementi u t-temi kollha qegħdin hemm, li m'hemm xejn nieqes u li l-qari tal-provi jkun finalizzat. Jara wkoll li kull tpenġija għandha kitba relatata magħha fejn hu xieraq, u li jkollha l-kepxin xierqa. Jara li l-elementi huma f'ordni alfabetika u jqassamhom fil-paġni.

### *Il-produttur u l-pubblikatur*





Dawk minnkom li jiftakruni bħala uffiċjal edukattiv fi ħdan il-Ministeru jafu li fost xogħol ieħor kont responsabbli għall-użu tal-kompjuters fl-iskejjel primarji. Madankollu, meta kont għamilt dawn il-proġetti oriġinarjament ma kinux jeżistu kompjuters fil-klassijiet, u kif spjegajt qabel, għamilt użu mill-apparat elettroniku biex noħloq biss l-għodod neċessarji għall-proġetti, mhux biex nużahom b'għan pedagoġiku. Illum il-ġurnata saret kważi awtomatika li wieħed jirrikorri għall-apparat elettroniku speċjalment biex jikteb xi ħaġa.

Madankollu bħala edukaturi rridu dejjem inżommu f'moħħna l-idea tax-xogħol 'manwali', u li m'għandna qatt neskludu għalkollox metodi differenti ta' kreattività. Wara kollox, m'hemm xejn aktar prattiku minn biċċa karta u lapes (jew crayon), speċjalment meta jmur id-dawl.

Għaldaqstant hawnhekk qed nuża dawn iż-żewġ termini biex nagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' ħiliet li bħala edukaturi huwa d-dover tagħna li nrawmu fl-istudenti. Qed nuża t-termini *produttur* biex nirreferi għal min jagħmel ix-xogħol 'manwali' billi juża karti u pinen. *Pubblikatur* jista' jkun student li jittrasferixxi dan ix-xogħol fuq apparat elettroniku, billi jdaħħal manuskritt f'word processor jew jiskennja tpenġija f'software grafiku. Dan kollu jiddependi ħafna mill-ħiliet li l-istudenti diġà jkollhom, u anki mit-tip ta' programmi diġitali li jkollok disponibbli. Iż-żewġ rwoli tista' toħodhom persuna waħda, iżda għall-iskopijiet tal-proġett ikun dejjem aħjar jekk tinvolvi aktar minn student wieħed. Għal aktar dwar produzzjoni diġitali tal-proġett ara s-sezzjoni ***Għodod diġitali***.

Dimensjoni oħra li tista' toffri l-għodda diġitali hija l-multimedja. U hawnhekk jista' jidħol rwol ieħor.



## *In-narratur*

Din hija opportunità biex twessa' l-ħila tat-test moqri KE/7/Q/3-8 KT/9/Q/6.1b-6.2b-6.3b KT/9/S/3. Permezz ta' programmi bħal ***Audacity*** jew siti onlajn bħal ***Vocaroo***, xi studenti jistgħu jirrekordjaw il-qari tal-artikli. L-awdjo jista' jidħol fil-verżjoni elettronika tal-enċiklopedija, jekk tagħżel li tagħmel waħda.

## *X'inhu r-rwol tiegħi?*

Malli tara li kulħadd iddeċieda x'tip ta' xogħol se jagħmel, qabbad lill-istudenti jiktbu sentenza waħda qasira fuq sticky note jew biċċa karta simili, biex jgħidu x'inhu xogħolhom. B'dan il-mod se jkollhom idea ċara f'moħħhom xi jridu jagħmlu, u l-fatt li jkunu kitbuha tagħtiha xeħta 'uffiċjali'. Waħħal in-noti fuq noticeboard ħalli kulħadd fil-klassi jkun jaf x'se jkun ix-xogħol ta' sħabu. Xi eżempji (Fig. 11):




**Fig. 11:** L-istudenti jiddeċiedu x'inhu r-rwol tagħhom.




**Fig. 12:** Tikketti bir-rwoli differenti.

Tista' anki tagħmel tikketti li l-istudenti jkunu jistgħu jilbsu waqt ix-xogħol fuq il-proġett (Fig. 12).

## *Żmien ta' tlestija*

Punt importanti li l-istudenti se jitgħallmu permezz ta' dan ix-xogħol huwa li ladarba se jkun hemm ħafna nies jaħdmu fuqu, u kull persuna għandha r-responsabbiltajiet tagħha, hemm bżonn li ma naħsbux fix-xogħol tagħna biss, iżda nirrispettaw xogħol ħaddieħor. Jekk hemm student li għandu bżonn jara l-artiklu tiegħi għall-qari tal-provi, **jien għandi nlesti xogħli fil-ħin biex inkun nista' ngħaddih 'il quddiem.** Għalhekk kull student għandu jkun jaf sew kemm għandu jdum biex ilesti xogħlu u jirrispetta ż-żmien ta' tlestija ħalli ma jħallix lil ħaddieħor jistenna. Fi kliem ieħor, dan huwa ż-żmien meta nfasslu pjan direzzjonali aktar dettaljat.

Inlesti l-parti tieghi b'hinha, halli ma nhallix lil ta' warajja jistenna.

**Fig. 13:** Eżempju ta' pjan direzzjonali dettaljat. Il-kaxxi l-ħomor juru ż-żminijiet tat-tlestija (deadlines).

| | L-1el ġimgħa | It-2ni ġimgħa | It-3et ġimgħa | Ir-4a' ġimgħa |
|---|---|---|---|---|
| **L-EWWEL TRIMESTRU** | | | | |
| **OTT.** | Qari tal-ktieb u workbook | Qari tal-ktieb u workbook | Qari tal-ktieb u workbook | Qari tal-ktieb u workbook |
| **NOV.** | Qari tal-ktieb u workbook | Qari tal-ktieb u workbook | Qari tal-ktieb u workbook | Qari tal-ktieb u workbook |
| **DIĊ.** | Qari tal-ktieb u workbook | Introduzzjoni għall-proġett | | |
| **IT-TIENI TRIMESTRU** | | | | |
| **JAN.** | **Ħatra tar-rwoli** | Xogħol fuq il-materjal | Xogħol fuq il-materjal | Xogħol fuq il-materjal |
| **FRA.** | **Jidħol il-materjal kollu** | Qari tal-provi | | |
| **MAR.** | Qari tal-provi | Qari tal-provi | **Jinġabar il-materjal finali** | |
| **IT-TIELET TRIMESTRU** | | | | |
| **APR.** | Editjar | Editjar | Produzzjoni | Produzzjoni |
| **MEJ.** | Produzzjoni | Produzzjoni | **Tnedija** | Analiżi tal-proġett |
| **ĠUN.** | | | | |

Kif għedna qabel, inti se tkun diġà fassalt il-pjan direzzjonali, u tista' tintroduċi l-elementi tal-proċess f'aktar dettall fil-bidu tat-tieni trimestru. F'sena skolastika hemm bejn wieħed u ieħor 26 ġimgħa sħiħa (ta' ħamest ijiem) meta xogħol fuq il-proġett jista' jsir. Qed neliminaw hawnhekk il-ġranet tal-btajjel pubbliċi kif ukoll dawk il-ġimgħat qosra u meta jkun hemm l-eżamijiet u attivitajiet oħrajn. Naturalment minn sena għal oħra dawn jistgħu jvarjaw xi ftit. Fig. 13 jagħti idea ta' kif ix-xogħol jista' jiġi mqassam matul is-sena. Fil-każ tiegħek dan se jiddependi mill-kalendarju ta' dik is-sena skolastika kif ukoll l-għażliet tiegħek jew tat-tim ta' għalliema.

## *Meta jsir ix-xogħol?*

Dan it-tip ta' xogħol jista' jagħti lok għal ħinijiet differenti meta jsir, skont in-natura tiegħu. Naturalment xogħol ta' kitba, tpenġija u anki editjar jista' jsir kemm fil-klassi–jekk jeħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni waqt dik il-parti tax-xogħol–kif ukoll id-dar bħala homework meta jinvolvi biss il-ħidma tal-persuna waħidha.

Fil-klassi tajjeb li wieħed jippjana minn qabel biex iwarrab ftit sigħat fil-ġimgħa ħalli jagħti l-ħin biżżejjed biex l-istudenti jispiċċaw il-parti tagħhom bil-kalma u mingħajr għaġla. Dan naturalment jiddependi mill-attivitajiet l-oħra tal-klassi u tal-iskola. Importanti li ma tgħaġġilx ix-xogħol, u tara li l-istudenti għandhom ħin biżżejjed biex iwettqu dak li għandhom jagħmlu skont il-pjan direzzjonali.

Il-pjan bħal dak ippreżentat f'Fig. 13 dendlu fil-klassi fejn kulħadd ikun jista' jarah. B'dan il-mod anki l-istudenti jkollhom ħjiel ta' kif se jitqassam ix-xogħol u fejn se tidħol il-parti tagħhom matul il-proġett.

## *Tifrix tal-proġett*

Kif semmejt fil-bidu nett (Fig. 2), għalkemm il-proġett oriġinarjament sar fi klassi waħda, wieħed jista' jifrex u jqassam ix-xogħol lil hinn mill-ħitan ta' klassi waħda. Dan naturalment se jżewwaq il-proġett, għalkemm il-loġistika se titbiddel u tiżdied ukoll. Aktar minn klassi waħda jkunu jeħtieġu aktar għalliema u l-bżonn ta' aktar koordinazzjoni. Skola tista' tieħu din l-opportunità biex tħeġġeġ lill-għalliema jaħdmu flimkien għal għan wieħed, u, ngħiduha kif inhi, jekk **waħda mill-ħiliet soċjali li rridu ngħallmu lill-istudenti hija dik ta' kooperazzjoni**, xogħol maqsum bejn l-għalliema jista' jservi bħala l-isbaħ eżempju.

Naħdem ma' ħaddieħor sabiex ix-xogħol isir aħjar.

Ma tridx ħafna immaġinazzjoni biex tmur pass tnejn aktar 'il quddiem u tinvolvi klassijiet minn skejjel differenti fl-istess kulleġġ jew saħansitra f'kulleġġi differenti. Dan se jinvolvi speċi ta' eTwinning lokalizzat, li m'għandux ikun xogħol diffiċli bit-teknoloġija tal-lum.

Meta jkun hemm involuti aktar minn għalliem wieħed ix-xogħol jista' jitqassam u jkun aktar rikk. Pereżempju, fejn għalliem waħdu jista' jagħżel li ma jagħmilx il-workbook, bi grupp ta' għalliema dan jista' jsir aktar faċli u malajr għax jitqassam ix-xogħol.

Barra minn hekk l-idea ta' xogħol bejn klassijiet/skejjel/kulleġġi tista' tiftaħ opportunitajiet interattivi. Jekk fost l-għalliema li jkunu qegħdin jaħdmu fuq il-proġett hemm xi ħadd midħla tat-teknoloġija, wieħed jista' jfassal attivitajiet interattivi permezz ta' programmi bħal ***Kahoot!*** jew ***Quizlet***, li jinvolvu studenti minn skejjel differenti onlajn.

### *Varjazzjoni: The Lion King*

Xi snin wara s-suċċess bil-proġett *The Wizard of Oz*, nedejt proġett ieħor ma' klassi oħra tal-J. L. Din id-darba ħsibt li nikkonċentra biss duq il-proġett il-kbir biss, mingħajr test letterarju u mingħajr workbook. Is-sors għal dan il-proġett kien il-film ta' Walt Disney *The Lion King* (1994), li kien l-għagħa tal-mument. L-iskola kollha kellha l-opportunità li tara l-film fiċ-ċinema, xi żmien fil-bidu tas-sena skolastika, għaldaqstant kellna ċ-ċans li nippreparaw il-materjal sal-aħħar tas-sena. Madankollu, din id-darba ma ffukajniex fuq 'prodott' (enċiklopedija), iżda wirja. Is-sistema kienet bejn wieħed u ieħor l-istess: l-idea li nagħti lil kull student u studenta rwol ta' awturi, illustraturi, eċċ. Din id-darba kien hemm ir-rwoli importanti tar-riċerkatur u tal-gwida.

Tqassam ix-xogħol fuq temi bħalma sar għal *Treasure Island* u *The Wizard of Oz*. F'dak il-każ kellna ħafna opportunitajiet: l-istorja nnifisha u l-karattri, riċerka dwar annimali fl-Afrika u f'kontinenti oħra, riċerka dwar ambjenti naturali differenti apparti mis-Savana, u stajna wkoll nagħmlu riċerka dwar il-cartoons u kif jaħdmu (eż. permezz tal-matematika stajna

nikkalkulaw kemm għandna bżonn stampi (frames) kull sekonda biex il-cartoon jidher qed jiċċaqlaq b'ritmu naturali).

It-tnedija tal-proġett kienet naturalment differenti, u hawnhekk stajna ninvolvu lil studenti u għalliema oħrajn fl-iskola, kif ukoll il-ġenituri u uffiċjali edukattivi, meta stedinniehom jiġu jaraw il-wirja fl-aħħar tas-sena. Barra mir-rwoli l-oħrajn, għalhekk kellna wkoll il-gwidi, dawk l-istudenti li tul il-ġimgħa kemm damet miftuħa l-wirja, permezz ta' roster, kienu jilqgħu lill-mistednin u jispjegawlhom dwar l-elementi tal-wirja. Kien hemm gwidi li tkellmu bil-Malti u oħrajn bl-Ingliż.

Il-kittieba, il-qarrejja tal-provi u l-illustraturi kienu hemm, naturalment, u din id-darba kien hemm ukoll min seta' jiġbor il-materjal biex itellgħu għall-wirja. Il-wirja setgħet isseħħ għaliex fl-iskola kellna resource room fejn stajna ntellgħuha, u f'dan il-każ ukoll nirringrazzja lill-amministrazzjoni tal-iskola li tatni l-permess intellagħha.

Bħal fil-każijiet ta' qabel, l-enfasi ma kienx biss fuq il-lingwa, iżda anki fuq il-ħiliet personali u soċjali li l-istudenti setgħu jiżviluppaw permezz tal-proġett.

## *Għodod diġitali*

Mhuwiex l-iskop ta' din il-gwida li tidħol fil-merti tal-użu tal-għodod diġitali fl-ambjent pedagoġiku; madankollu, jekk tkun trid tifrex il-proġett biex tkopri dawk il-ħiliet ukoll tista' tmur lil hinn minn sempliċi word processor. Wieħed jista' jagħmel użu minn siti elettroniċi li jiffaċilitaw tiswir ta' newsletters jew rivisti żgħar onlajn (***Book Creator***, ***BoomWriter***, ***Teen Ink***, ***Wordpress***), jew saħansitra siti elettroniċi personali (***Boxmode***) jew blogs (***Edublogs***). Ma ninsewx ukoll PowerPoint jew ***LibreOffice*** Impress, li jista' jkollok installati fuq il-kompjuters tal-laboratorji tal-iskola.

Meta kont għamilt il-proġetti jien il-kompjuters ma kinux disponibbli fl-iskejjel biex jużawhom l-istudenti. Għaldaqstant kont ġbart il-materjal tagħhom jien u rriproduċejtu fuq stensils biex nagħmel il-kopji. Illum il-ġurnata għalliem jista' jservi bħala l-kompilatur, jiġbor il-materjal elettroniku, u jpoġġih onlajn bħala sit elettroniku jew blog (ara pereżempju x-xogħol tal-iskola primarja tas-Sannat, Għawdex - **https://year6 reportage. wordpress.com/**, magħmul bil-*Wordpress*). Metodu aktar interessanti jkun jekk lill-istudenti tħallihom iħaddmu l-programmi minn jeddhom. Hemm siti fejn tista' toħloq kont elettroniku għall-klassi, u kontributuri differenti jkunu jistgħu jżidu x-xogħol tagħhom – kemm jekk kitba kif ukoll grafika – biex jinqasam ma' kulħadd. Is-siti *Book Creator*, *BoomWriter* u *Teen Ink* joffru dawn il-faċilitajiet. (Ara wkoll Appendiċi Ċ).

## *Użu tal-attivitajiet onlajn*



Is-sezzjoni ***Ħaddem Rasek*** tipprovdi ftit attivitajiet interattivi. Dawn huma sempliċi ħafna fl-għamla tagħhom. Billi l-iskop ewlieni tas-sit kien li jipprovdi materjal ħieles minn kull rabta ma' apps differenti, biex noħloq dawn l-attivitajiet użajt programmi sempliċi li jaħdmu fuq sit elettroniku bażiku. Għaldaqstant id-dehra ta' dawn l-attivitajiet hija kemxejn rudimentali, bogħod mill-attivitajiet ikkumplikati u mżewqa b'ħafna mużika u animazzjoni. Dawn tal-aħħar għandhom teknoloġija avvanzata li, minkejja l-vantaġġi tagħha, tista' tkun aktar ta' xkiel milli għajnuna. Għaldaqstant, l-attivitajiet ta' *Kotba fil-But* jisħqu aktar fuq il-lingwa, il-vokabolarju u l-fehim tal-kotba fuq is-sit **KE/7/S/11** **KE/7/T/3**.

L-attivitajiet jistgħu jintużaw kemm fil-klassi kif ukoll id-dar, u l-għalliem jista' jiddeċiedi hu jekk idaħħalhomx bħala parti mill-iskema tal-proġett jew iħallix lill-istudenti jużawhom jew le. Bħala parti mill-iskema tista' tagħżel li tagħti wħud minnhom bħala homework. Madankollu ftakar li f'dan il-każ l-attivitajiet ikopru ħafna mill-kotba l-oħrajn fil-Librerija, mhux biss dak li tkun qiegħed tuża għall-proġett.




L-attivitajiet jinkludu:

- **Moħbakelma**: Popolari bl-isem Ingliż ta' wordsearch u adattata biex tħarreġ fil-ħiliet tal-qari u l-ortografija;
- **QabbelPari:** tħarreġ fil-memorja: diretta (trid tiftakar liema stampa tkun kxift qabel biex tqabbel mal-waħda li għandek mikxufa) u indiretta għax l-istampi li trid tqabbel jirreferu għal karattru, lok jew oġġett imsemmi fil-ktieb.
- **KawlataKliem:** tagħmel użu tal-logħba popolari word cloud. Hawn ukoll tinvolvi l-ħiliet ta' memorja u ortografija.
- **Tislibiet**: għall-memorja, fehim u ortografija.
- **X'Kelma Din?**: Vokabolarju u ortografija.
- **Kwiżżijiet**: Taħriġ il-fehim, memorja, ortografija.
KE/8/K/9

Sakemm qed tinkiteb din il-gwida wħud mill-attivitajiet għadhom qed jinħadmu.



norb media

# 4

# Valuri miksubin fil-proġett

Kif digà rajna, il-ħiliet prattiċi tal-proġett jidhru ċari fil-wiċċ, speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-lingwa u l-komunikazzjoni: qari, fehim, kitba, eċċ. Madankollu l-proġett imur lil hinn billi jgħin fl-iżvilupp ta' valuri kemm personali kif ukoll soċjali li l-istudenti jsibu indispensabbli matul ħajjithom. Meta jiġu biex jaħdmu flimkien fuq xogħol bħal dan, l-istudenti se jitgħallmu li:

- **Mhux dejjem huwa possibbli li din l-għamla ta' xogħol ambizzjuż tista' twettqu waħdek mingħajr l-għajnuna ta' ħaddieħor.** Kulħadd għandu l-ħiliet differenti tiegħu, u meta ningħaqdu u naqsmu l-ħiliet tagħna r-riżultat aħħari se jkun ħafna aqwa.

- M'għandi qatt nippretendi li x-xogħol tiegħi huwa perfett; ħafna drabi ħaddieħor jista' jinnota żball f'xogħli li lili jkun ħarabli. Għandi dejjem niftaħ għajnejja u widnejja għall-kummenti ta' ħaddieħor, **biex dan jgħinni ntejjeb xogħli, niżviluppa l-ħiliet tiegħi u nilħaq riżultat itjeb darb'oħra.**

M'iniex waħdi. Infittex fil-grupp lil min jista' jgħinni meta jkolli diffikultà.

- Lanqas għandi nassumi li biċċa xogħol toħroġ tajba l-ewwel darba. M'għandix niddejjaq nirrevedi xogħli u nbiddel fejn hemm bżonn; u xi drabi forsi anki nerġa' nibda mill-bidu nett!

Nisma' l-kummenti ta' ħaddieħor biex inkun nista' ntejjeb xogħli.

### *L-aħħar lezzjoni: Analiżi tal-proġett*

Fl-aħħar tas-sena skolastika, wara li x-xogħol ikun lest, ippjana speċi ta' rendikont tal-proġett. Fassal lezzjoni biex toħroġ ċar il-kunċetti msemmija hawn fuq. Anzi, ħeġġeġ lill-istudenti stess jaħsbu u joħorġu b'dawn l-ideat. Xi drabi spinta żgħira min-naħa tal-għalliem tkun biżżejjed biex l-istudenti jkunu jistgħu jesprimu ruħhom dwar l-esperjenza ġenerali li jkunu kisbu mix-xogħol.

Matul dan id-dokument rajna dawk il-prinċipjii personali u soċjali fil-kaxxi fil-marġini. Tista' tippreżenta dawn il-ħsibijiet f'posters u ddendilhom madwar il-klassi, jew turihom permezz ta' slides fi preżentazzjoni bil-PowerPoint. Żid magħhom ideat ġodda li jiġu bihom l-istudenti stess – dejjem naturalment jekk dawn jagħmlu sens. Madankollu, f'dan il-każ, malli joħorġu ideat ġodda ftakar ma twarrabhomx mall-ewwel, u agħti ċans lill-klassi tiddiskuti u tiddeċiedi hux xieraq li jiżdiedu mal-lista li tipproponi int.




# Kelmtejn wara:

## F'idejkom...

Jiena nemmen li xogħol bħal dan ma jispiċċa qatt u dejjem għandu lok għal titjib. Anki jekk il-materjal fih innifsu xi darba jinxef u ma nsibx aktar kotba x'inżid mas-sit, dejjem hemm l-opportunità għal aktar żvilupp permezz ta' diskussjonijiet u tpartit ta' ideat, speċjalment fost għalliema li jippruvaw iwettqu fil-prattika dak li huwa ppreżentat hawn, u jipprovdu lok għal tkattir ta' ideat u titjib tas-sit innifsu.

Ma nistax ninsa hawn lill-għalliema tal-Malti lill-barranin. Għalkemm il-proġett oriġinali tiegħi kien għal studenti tal-primarja, hawnhekk iffukajt l-aktar fuq studenti tal-iskola medja. Madankollu, il-materjal li jinsab fis-sit *Kotba fil-But* jista' jkun adattat għall-istudenti tal-Malti adulti barranin, li qegħdin jitgħallmu l-Malti għal raġunijiet varji u li naturalment huma ftit avvanzati fil-Malti tagħhom, mhux dawk li għadhom qed jitgħallmu l-ilsien fil-bidu. Nistieden lil dawn l-għalliema jagħtu ħarsa wkoll lejn il-materjal f'*Kotba fil-But*. Kotba bħal *Il-Ħrejjef ta' Esopu* u *Il-Praspar ta' Nasreddin* għandhom stejjer qosra ħafna li jistgħu jintużaw għall-qari simplifikat.

Għaldaqstant nistieden lil dawk l-għalliema li jippruvaw il-proġett biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar kif fasslu l-proġett għall-klassi u anki – għaliex le? – fejn kien hemm fjask u x'seta' jsir biex jiġi evitat.

Għal dan il-għan hemm paġna fejn l-għalliema – u edukaturi oħra – jistgħu jaqsmu l-opinjonijiet u l-esperjenzi tagħhom dwar dan il-proġett. Barra milli jistgħu jsibu kopja elettronika ta' din il-*Gwida*, hemm ukoll kwestjonarju li jistgħu jwieġbu ladarba jkunu ppruvaw il-proġett fil-klassi (Appendiċi E).

## *Xi appelli*

Hawnhekk nixtieq nagħmel xi appelli lill-qarrejja ta' din il-*Gwida,* li għalkemm il-parti l-kbira huma għalliema tal-Malti jista' jkun hemm fosthom kittieba u anki pubblikaturi.

Kif diġà għedt, dan huwa xogħol li jibqa' jiżviluppa. Bħala għalliema tal-Malti, nitlobkom tħarsu lejn uħud mill-kotba li jinsabu fil-Librerija taħt lenti **letterarja u lingwistika**. L-adattamenti huma kollha xogħli, u ma jistax ikun li f'dik il-kitba kollha ma jkunx hemm aspetti lingwistiċi li wieħed jista' jtejjeb. Sibt frażi f'waħda mill-istejjer li tista' titbiddel f'idjoma aktar adattata għas-sitwazzjoni? Ibgħat għidli biha! Għandek xi ideat għal titli oħra li nistgħu nżidu fil-Librerija? Merħba bihom! Kull għamla ta' kontribuzzjoni tkun akkreditata f'dak il-ktieb.

Bħala għalliema tal-Malti bla dubju ta' xejn ikollkom għajnejkom fuq l-ortografija wkoll. Hawnhekk napprezza jekk inti **qarrej tal-provi** u tkun tista' tgħarbel titlu jew tnejn fil-Librerija – b'mod volontarju. Hemm xi kotba li diġà sarilhom qari tal-provi, u l-kontributuri huma msemmija fil-ktieb.

Parti mil-Librerija hija s-sezzjoni '**Daqqa t'għajn**', fejn fiha nippreżenta siltiet ta' xogħlijiet moderni lokali miktubin mill-aqwa kittieba għat-tfal li għandna bħalissa. L-għan huwa li ndewwaq dawn il-kotba biex inħajjar lit-tfal ifittxuhom fil-libreriji tal-iskola jew pubbliċi jew jixtruhom direttament onlajn mingħand il-pubblikaturi. Għalhekk inħeġġeġ lill-awturi u anki l-pubblikaturi biex jibagħtuli siltiet minn kotba li jixtiequ jippromwovu, dejjem fil-limiti tal-liġijiet tad-drittijiet lettararji.

Aktar tagħrif dwar dawn il-kontribuzzjonijiet issibuhom fil-parti amministrattiva tas-sit. B'dan il-mod, flimkien, inkunu qegħdin nagħtu aktar opportunitajiet lill-istudenti tagħna jħaddnu u jħobbu aktar il-qari bil-Malti.

*Saħħiet.*




# Appendiċi

**A:** Il-kotba fil-Librerija, 41

**B:** Mappa tas-sit, 45

**Ċ:** Dokumenti uffiċjali kkonsultati, 47

**D:** Sorsi elettroniċi, 49

**E:** Il-kwestjonarju, 51




# Appendiċi: Il-kotba fil-Librerija

Din hija lista tal-kotba li jinsabu bħalissa fil-Librerija (Lulju 2024). Kull xahar jidher ktieb ġdid. Ara s-sit għall-aħħar aġġornament. Għall-kotba mmarkati ***[Snnn]*** tista' ssib artiklu li jikkumplimenta l-ktieb f'dik il-ħarġa partikolari tar-rivista *Sagħtar*, u li tkun tista' tinkludi fil-proġett.

- *L-Aħħar Moħikan* (7,900 kelma)
- *L-Argonawti* (3,500)
- *L-Assedju l-Kbir*, Norman C. Borg (10,900)
- *L-Avventuri ta' Pinokkjo*, Carlo Collodi (1,900) **[*Sagħtar* nru 374]**
- *Ben Hur*, Lew Wallace (10,600)
- *Dawra mad-Dinja fi Tmenin Jum*, Jules Verne (6,460) **[S384]**
- *Id-Dinja l-Mitlufa*, Arthur Conan Doyle (5,600) **[S371]**
- *Id-Djarju ta' Anna Frank*, Norman C. Borg (komik)
- *Don Quixote*, Miguel de Cervantes (5,600) **[S386]**



norb media

- *Id-Daqqaqa ta' Bremen* (1,050)
- *Dracula*, Bram Stoker (6,000) **[S377]**
- *Frankenstein*, Mary Shelley (5,500)
- *Il-Gabbana taz-Ziju Tom*, Harriet Beecher Stowe (3,470) **[S378]**
- *Il-Gżira tat-Teżor*, Robert Louis Stevenson (9,900) **[S381]**
- *Għanja tal-Milied*, Charles Dickens (4,300)
- *L-Għarajjes*, Alessandro Manzoni (7,200) **[S385]**
- *Għemejjel Persew*, Charles Kingsley (3,800)
- *Għoxrin Elf Lega Taħt il-Baħar*, Jules Verne (3,900) **[S372]**
- *Heidi, Johanna Spyri* (5,400)
- *Ħrejjef minn Ktieb il-Ġungla*, Rudyard Kipling (4,300) **[S379]**
- *Il-Ħrejjef ta' Esopu* (3,000) **[S373]**
- *Il-Kelb tal-Baskerville*, Arthur Conan Doyle (4,100)
- *Il-Konti ta' Monte Kristo*, Alexandre Dumas (10,100) **[S383]**
- *Il-Minjieri tar-Re Salamun,* H. Rider Haggard (8,500)
- *Il-Leġġenda ta' San Dimitri*, Victor Fenech (1,000)
- *Moby Dick*, Herman Melville (5,000) **[S387]**
- *Mollamolla*, Norman C. Borg (silta)
- *Il-Mummja*, Arthur Conan Doyle (4,800)
- *Il-Praspar ta' Nasreddin* (3,800)

- *Peter Pan*, J. M. Barrie (5,700)
- *Il-Qattus li Fenda għal Rasu*, Rudyard Kipling (2,900) **[S382]**
- *Il-Qattusa Mitlufa!* Chris Grillo (1,230)
- *Ir-Raġel l-Inviżibbli*, H. G. Wells (5,000) **[S380]**
- *Is-Saħħar ta' Ożż*, L. Frank Baum (8,900) **[S375]**
- *Spartaku*, Norman C. Borg (3,600)
- *Stejjer Qabel Torqod* (10,300)
- *L-Istorja ta' Mulan (1,350)*
- *L-Istorja ta' Pokaħontas (2,900)*
- *Tesew u l-Minotawr*, Norman C. Borg (1,800) **[S376]**
- *Vjaġġ lejn iċ-ċentru tad-dinja*, Jules Verne (7,400)
- *Il-Vjaġġi ta' Gulliver*, Jonathan Swift (4,100)
- *Iż-Żiemel l-Imsaħħar* (1,800)
- *Żjara lill-Papa* Saviour Camilleri (370)







# Appendiċi:

**Mappa tas-sit kif dehret f'April 2024.**
**Maż-żmien l-istruttura tista' titbiddel.**






Ċ

# Appendiċi: Dokumenti uffiċjali

- Il-Kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet tal-Malti Livell 7 - is-Seba' sena – Kompetenzi Ewlenin (CCP), (nd). ***https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2018/05/Programm-7-sena-Kompetenzi-Ewlenin-Livell-7.pdf***
- Il-Kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet tal-Malti Livell 7 – it-Tmien sena – Kompetenzi Ewlenin (CCP), (2019). ***https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2019/04/Il-Kisbiet-mit-Taghlim-tal-Hiliet-8-Sena-CCP-1.pdf***
- Linji Gwida għat-Tagħlim tal-Malti fid-Disa' Sena (2023). ***https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2023/10/LOs-yr-9-Letteratura-u-Generi-12-10-23.pdf***




# Appendiċi: Sorsi elettroniċi

Ir-riżorsi msemmijin hawn huma b'xejn (open source) jew għandhom verżjoni limitati li tkun mingħajr ħlas. Innota li ħafna drabi ħoloq għal siti jistgħu jitbiddlu, jew saħansitra s-sit partikolari ma jibqax jeżisti. Il-ħoloq imniżżlin hawn kienu qed jaħdmu kollha waqt it-tfisil ta' din il-Gwida.

- Audacity: ***https://www.audacityteam.org/***
- Book Creator: ***https://bookcreator.com/***
- BoomWriter: ***https://boomwriter.com/***
- Boxmode: ***https://www.boxmode.com/***
- Edublogs: ***https://edublogs.org/***
- Kahoot!: ***https://create.kahoot.it/***
- Quizlet: ***https://quizlet.com/***
- Teen Ink: ***https://www.teenink.com/***
- Vocaroo: ***https://vocaroo.com/***
- Wordpress: ***https://wordpress.com/***



# Appendiċi: Il-kwestjonarju

I

L-kwestjonarju qiegħed biss għal min jaħdem il-proġett fi klassi. L-għan tiegħu hu li jiġbor tagħrif dwar eżempji ta' kif materjal f'*Kotba fil-But* jista' jaqdi lill-għalliem fil-klassi. Għaldaqstant huwa importanti li min iwieġeb il-mistoqsijiet jagħti tagħrif preċiż kemm jista' jkun, biex dan inkunu nistgħu nxandruh fuq is-sit permezz ta' rapporti qosra li jistgħu jservu ta' għajnuna, spunt jew ispirazzjoni għal għalliema oħra.

Għalkemm din hija riproduzzjoni tal-kwestjonarju, m'għandekx twieġeb hawn. Nissuġġerixxu li tmur onlajn u twieġeb il-mistoqsijiet hemmhekk. Il-verżjoni onlajn tista' tiġi aġġornata minn żmien għal ieħor, aktar malajr milli toħroġ reviżjoni ta' din il-*Gwida*.

Klikkja fuq il-QR code hawn taħt biex tmur direttament fuq il-verżjoni onlajn.

# *KWESTJONARJU GĦALL-GĦALLIEMA*

Verżjoni tal-kwestjonarju: 1.4

Wieġeb dan il-kwestjonarju jekk ħdimt il-proġett ma' klassi.

Jekk taħdem fuq il-proġett, m'intix marbut li timla dan il-kwestjonarju u tibagħtu. Tista' anki timlieh għall-għanijiet personali tiegħek mingħajr ma tibagħtu. Madankollu, jekk tibagħtu, it-tweġibiet tiegħek jistgħu jintużaw għal rapporti qosra li jidhru fuq is-sit minn żmien għal ieħor, u anki biex itejbu l-materjal li jinsab fuq is-sit.

Nissuġġerixxu li l-kwestjonarju jimtela wara li l-proġett ikun komplut (i.e. lejn tmiem is-sena skolastika).

## *SKOLA U GĦALLIEM/A*

Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(01) Ismek u konjomok. ____________________________

(02) Isem l-iskola / kulleġġ. * ____________________________

(03) Isem il-klassi. ____________________________

(04) Sena (livell akkademiku).* ____________________________

- (.01) Is-Sitt Sena
- (.02) Is-Seba' Sena
- (.03) It-Tmien Sena
- (.04) Id-Disa' Sena
- (.05) Jekk xi livell ieħor, speċifika hawn: ____________________________

(05) Sena Skolastika.* ____________________________

(06) L-indirizz elettroniku tiegħek. _________________ @ _________________

(07) L-indirizz elettroniku tal-iskola.* _________________ @ _________________

## *KIF ĦDIMT IL-PROĠETT*

Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(08) Dan il-proġett ħdimtu... (wieġeb waħda biss):

- O (.01) waħdi, ma' klassi waħda.
- O (.02) ma' kollega/i fl-istess skola ma' aktar minn klassi waħda.
- O (.03) ma' kollega/i fi skola oħra.
- O (.04) ma' skola/skejjel fl-istess kulleġġ.
- O (.05) ma' skola/skejjel f'kulleġġi oħra.

(09) Kemm-il skola pparteċipat b'kollox? __________

(10) Kemm-il kulleġġ ipparteċipa b'kollox? __________

## *IL-KTIEB FIL-BUT UŻAT GĦALL-PROĠETT*

Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(11) Liema ktieb għażilt mis-sit?* (wieġeb waħda biss)

- O (.01) L-Aħħar Moħikan
- O (.02) L-Argonawti
- O (.03) L-Assedju l-Kbir
- O (.04) L-Avventuri ta' Pinokkjo
- O (.05) Ben Hur
- O (.06) Dawra mad-Dinja fi 80 Jum
- O (.07) Id-Dinja l-Mitlufa
- O (.08) Id-Djarju ta' Anna Frank
- O (.09) Don Quixote
- O (.10) Dracula
- O (.11) Il-Gabbana taz-Ziju Tom
- O (.12) Il-Gżira tat-Teżor
- O (.13) Għanja tal-Milied
- O (.14) L-Għarajjes
- O (.15) Għemejjel Persew
- O (.16) 20,000 Lega taħt il-baħar
- O (.17) L-Istorja ta' Mulan
- O (.18) L-Istorja ta' Pokaħontas
- O (.19) Il-Kelb tal-Baskerville
- O (.20) Il-Konti ta' Monte Kristo
- O (.21) Ħrejjef minn Ktieb il-Ġungla
- O (.22) Il-Ħrejjef ta' Esopu
- O (.23) Il-Leġġenda ta' San Dimitri
- O (.24) Moby Dick
- O (.25) Mollamolla
- O (.26) Il-Mummja
- O (.27) Il-Praspar ta' Nasreddin
- O (.28) Peter Pan
- O (.29) Il-Qattus li fenda għal rasu
- O (.30) Il-Raġel l-Inviżibbli
- O (.31) Is-Saħħar ta' Oż
- O (.32) Spartaku
- O (.33) Stejjer qabel torqod 1
- O (.34) Tesew u l-Minotawr
- O (.35) Vjaġġ lejn iċ-Ċentru tad-Dinja
- O (.36) Il-Vjaġġi ta' Gulliver
- O (.37) Iż-Żiemel l-imsaħħar

(12) Użajt dan il-ktieb għaliex... (wieġeb waħda biss):

- ○ (.01) għandu tema/i adattata/a ħafna għall-klassi mmirata.
- ○ (.02) l-istorja tmiss ħafna temi li wieħed jista' jimraħ fil-proġett.
- ○ (.03) interessawni t-tema/i li sibt biex nespandi fil-proġett.
- ○ (.04) il-ktieb għandu tul adekwat għal din il-klassi..
- ○ (.05) il-lingwaġġ huwa adattat għall-klassi mmirata.
- ○ (.06) il-ktieb issuġġerewh l-istudenti stess.
- ○ (.07) xi raġuni oħra? ______________________________

## *IX-XEJRA TAL-PROĠETT*

Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(13) X'tip ta' proġett kien?* (tista' tagħżel aktar minn waħda)

- ☐ (01.) Pubblikazzjoni (eż. enċiklopedija, antoloġija, dizzjunarju, eċċ.)
- ☐ (.02) Wirja
- ☐ (.03) Adattament drammatiku (eż. reċta)
- ☐ (.04) Preżentazzjoni / diskussjoni quddiem udjenza
- ☐ (.05) Podcast (eż. diskussjoni, intervista)

(14) Liema midja ntużat?* (tista' tagħżel aktar minn waħda)

- ☐ (.01) Kitba stampata (manwali)
- ☐ (.02) Kitba elettronika / diġitali
- ☐ (.03) Tpinġija manwali
- ☐ (.04) Tpinġija elettronika / diġitali
- ☐ (.05) Awdjo (eż. taħdita rrekordjata, podcast, eċċ.)

## *PARTEĊIPAZZJONI*

Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(15) L-istudenti fil-klassi pparteċipaw... (wieġeb waħda biss):

- ○ (.01) kollha.
- ○ (.02) nofshom.
- ○ (.03) grupp żgħir.
- ○ (.04) Jekk mhux kollha, niżżell xi raġunijiet hawn taħt.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## *ŻMIEN TA' TLESTIJA*

Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(16) Kemm kien adattat iż-żmien kif imqassam fil-*Gwida*? (wieġeb waħda biss):

- ○ (.01) Tajjeb kif imqassam.
- ○ (.02) Tajjeb imma bi ftit tibdiliet prattiċi.
- ○ (.03) Qasir wisq; kien hemm bżonn aktar żmien.
- ○ (.04) Tista' tissuġġerixxi mezz kif dan seta' ġie indirizzat aħjar?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## *L-ESPERJENZA TAL-PROĠETT*

Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(17) Għalik bħala għalliem* (wieġeb waħda biss):

- ○ (.01) Kienet interessanti ħafna u fetħet ħafna possibbiltajiet.
- ○ (.02) Għenitni nersaq aktar qrib l-istudenti.
- ○ (.03) Għenitni nikkoopera aktar ma' kollegi oħra fl-iskola u fil-kulleġġ.
- ○ (.04) Kienet interessanti, iżda sibtha kemxejn stressanti. Raġunijiet:

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

(18) Lest li nħajjar lill-kollegi tiegħi jippruvaw dan il-proġett mal-klassi tagħhom* (wieġeb waħda biss):

- ○ (.01) Iva.
- ○ (.02) Le.
- ○ (.03) M'iniex ċert.

(19) Kummenti oħra li tista' tagħti dwar l-esperjenza tiegħek bħala għalliem.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

(20) L-esperjenza tal-istudenti* (tista' tagħżel aktar minn waħda)

- ☐ (.01) L-istudenti li pparteċipaw kollha wrew interess mill-bidu sal-aħħar.
- ☐ (.02) Ix-xogħol fuq il-proġett għen lil ħafna studenti jikkooperaw flimkien.
- ☐ (.03) Kien hemm każijiet fejn il-proġett għen lil studenti 'joħorġu minn qoxorthom'.
- ☐ (.04) Kien hemm każijiet fejn studenti għenu lil studenti oħrajn li kienu f'diffikultà.
- ☐ (.05) Niżżel hawn taħt xi kummenti oħra li tista' tagħti dwar l-esperjenza tal-istudenti waqt il-proġett.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## *SKALA TA' KLASSIFIKAZZJONI*

Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(21) Fuq skala minn **1** sa **10** (1 l-aktar baxx) din il-*Gwida* sibtha...* (wieġeb waħda biss):

Ħela ta' żmien — Utli ħafna

⓪ ① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧ ⑨ ⑩

(22) Fuq skala minn **1** sa **10**) (1 l-aktar baxx) il-proġett li fassalt għall-istudenti kien...* (wieġeb waħda biss):

Ħela ta' żmien — Utli ħafna

⓪ ① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧ ⑨ ⑩

(23) Fuq skala minn **1** sa **10** (1 l-aktar baxx) is-sit *Kotba fil-But* sibtu...* (wieġeb waħda biss):

Ħela ta' żmien — Utli ħafna

⓪ ① ② ③ ④ ⑤ ⑥ ⑦ ⑧ ⑨ ⑩

## *KUNSENS*
Mistoqsijiet bl-istilel biss huma obbligatorji.

(24) Xi drabi rapporti dwar proġetti li jkunu saru msejsa fuq il-materjal li jinsab f'*Kotba fil-But* jistgħu jittellgħu fuq is-sit għall-ġid ta' għalliema oħra u biex inqanqal diskussjonijiet. Jekk tissottometti l-kwestjonarju l-esperjenza tiegħek inkunu nistgħu naqsmuha ma' għalliema oħra. Tixtieq li ismek u isem l-iskola/il-kulleġġ jidhru f'dawn ir-rapporti flimkien mal-esperjenza tiegħek? * (Wieġeb waħda biss.)

○ (.01) Iva, nagħti kunsens lil *Kotba fil-But* biex ismi bħala għalliem jidher f'dawn ir-rapporti.

○ (.02) Le, ma nagħtix kunsens lil *Kotba fil-But* biex ismi bħala għalliem jidher f'dawn ir-rapporti.

○ (.03) Iva, nagħti kunsens lil *Kotba fil-But* biex isem l-iskola/il-kulleġġ fejn sar il-proġett jidher f'dawn ir-rapporti (bil-kunsens tal-amministrazzjoni).

○ (.04) Le, ma nagħtix kunsens lil *Kotba fil-But* biex isem l-iskola/il-kulleġġ fejn sar il-proġett jidher f'dawn ir-rapporti.

## *POLITIKA TA' PRIVATEZZA*
**Grazzi tal-parteċipazzjoni!**

Din l-informazzjoni qed tinġabar biss għall-iskop uniku kif spjegat hawn. Dan is-sit mhux se jgħaddi d-dettalji miġbura mingħandek bħala viżitatur u/jew utent lil xi terza persuna.

**Tmiem il-kwestjonarju**



norb media

# Dwar l-awtur

Norman C. Borg huwa edukatur irtirat. Tul il-karriera tiegħu qatta' erbatax-il sena għalliem fi skola primarja, sitt snin assistent kap, sitt snin uffiċjal edukattiv u erbatax-il sena għalliem tal-Ingliż lill-barranin. Għal xi snin kien ukoll lettur mistieden fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, fid-Dipartiment tal-Malti u fiċ-Ċentru għall-Proficjenza tal-Ingliż fl-Università ta' Malta. Fl-2024 kiseb l-*Inspiring Professional Award* mill-ELT Council.

Fil-qasam ta' kitba oriġinali għat-tfal, kiteb bosta stejjer li dehru fir-rivista *Sagħtar* bħala episodji, fosthom *Il-Ħofra tal-Ilwien* (1988), *L-Astrofittiexa* (1989) u *It-Torri l-Griż* (1992), flimkien ma' stejjer qosra oħra. Għall-istess rivista għamel ukoll adattamenti u traduzzjonijiet ta' stejjer oħra (1996-1997) kif ukoll tar-rumanz *Is-Saħħar ta' Ożż* (1994).

Fil-qasam tal-komiks kien ta kontribut fir-rivisti *Avventura* (1981) u *Il-Komik* (1983) flimkien ma' Ġorġ Mallia. Għamel ukoll komiks oħra bħal *Id-Djarju ta' Anna Frank* (għal-Laboratorju tal-Paċi) kif ukoll sensiela ta' ħrejjef ta' Esopu għas-*Sagħtar* (1983-1984).

Kien koillustratur tal-ktieb *Taħt Sema Kwiekeb* (1997) kif ukoll koawtur tal-ktieb *Tużżana* (1998), it-tnejn mal-Merlin Publishers. L-aktar pubblikazzjoni riċenti tiegħu hija *Żarbun Imsaħħar* (Merlin Publishers, 2024).

Fost il-proġetti personali tiegħu bħalissa hemm s-sit elettroniku *Kotba fil-But*, li permezz tiegħu jixtieq jippromwovi aktar qari tal-Malti fuq l-Internet mingħajr ħlas. Bil-għajnuna tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu wħud mill-adattamenti ta' kotba klassiċi internazzjonali li jinsabu fis-sit se joħorġu wkoll fil-format ePub. Fost proġetti oħrajn fil-ġejjieni biħsiebu jirrevedi l-istejjer li kien ħareġ fis-*Sagħtar* u jerġa' jippubblikahom b'xejra aktar moderna.

# għall-klassi

## Gwida għall-għalliema

## Norman C. Borg

Is-sit elettroniku *Kotba fil-But* (**kotbafilbut.net**) jipprovdi sensiela ta' adattamenti bil-Malti ta' stejjer, ħrejjef u kotba klassiċi internazzjonali, immirati lejn l-istudenti tal-iskola sekondarja medja kif ukoll studenti barranin li jridu jipprattikaw qari bil-Malti. It-testi huma mingħajr ħlas u jistgħu jipprovdu lill-għalliema materjal ideali biex joħolqu proġetti ekstrakurrikulari li jistgħu jkattru l-ħiliet lingwistiċi u soċjali tal-istudenti.

Imsejsa fuq l-esperjenza diretta tal-awtur, din il-gwida toffri ideat u suġġerimenti kif kwalunkwe ktieb fis-sensiela jista' jservi ta' spunt għal dawn il-proġetti. Permezz ta' ftit immaġinazzjoni, l-għalliema jistgħu joħolqu esperjenza liema bħalha fl-ambjent tal-klassi.

Edizzjoni Internet